# SIGNUM FIDEI

ĠUNJU 2014



# *Signum Fidei*
Ħajja ta' Xhieda
u ta' Fidi

**- ĠUNJU 2014 -**



**S. Ġwann Battista De La Salle**
**Fundatur**

**Familja Lasalljana**

**NIFTAKRU LI QEGĦDIN FIL-PREŻENZA QADDISA T'ALLA. EJJEW NADURAWH**

**Intenzjonijiet tal-papa u tal-isqfijiet tagħna għax-xahar ta' Ġunju:**

1. Ħalli kull min hu qiegħed, jingħata l-għajnuna u x-xogħol li għandu bżonn biex jgħix bid-dinjità.
2 .Biex l-Ewropa terġa' tiskopri l-għeruq tagħha nsara permezz tax-xhieda ta' dawk li jemmnu.
3. Biex nisimgħu l-weġgħat tal-proxxmu tagħna, nuruh mogħdrija u ngħinuh.

**Dati importanti għax-xahar ta' Ġunju:**

1 ta' Ġunju: Tlugħ il-Mulej fis-Sema
8 ta' Ġunju: Għid il-Ħamsin
15 ta' Ġunju: Trinità Qaddisa
22 ta' Ġunju: Il-Ġisem u d-Demm għażiż tal-Mulej
24 ta' Ġunju: It-twelid ta' San Ġwann Battista
27 ta' Ġunju: Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù
28 ta' Ġunju: Il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija
29 ta' Ġunju: San Pietru u San Pawl

**Nota importanti:**
Din il-ħarġa ta' Ġunju issa hija aċċessibli minn fuq il-*website* http://signumfideimalta.wordpress.com.

**Il-Ħadd, 1 ta' Ġunju**
**Tlugħ il-Mulej fis-Sema**



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 1: 1-11 | Kien meħud 'il fuq waqt li huma kienu jħarsu lejh. |
| 2. Salm 46: 2,3,6-9 | Tela' Alla b'għajat ta' ferħ. |
| 3. Efesin 1:17-23 | Alla qiegħed lil Sidna Ġesù fil-lemin tiegħu fis-smewwiet. |
| 4. Mattew 28: 16-20 | Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Anke jekk dan it-test ta' San Mattew ma jirrakkuntalniex it-Tlugħ tal-Mulej fis-sema xorta jġiegħelna naħsbu fih, fil-fatt mhux biss hu l-għeluq tal-ewwel vanġelu imma jerġa' jwassal il-messaġġ inawgurali tal-ministeru ta' Kristu – il-Bejatitudnijiet, li wkoll kien sar fuq muntanja fil-Galilija.
- Il-mod majestuż li bih jipproklama lilu nnifsu sid tal-ħolqien kollu, setgħa mogħtija minn Alla bħala rigal għall-fidwa li kiseb għad-dinja, jixhed li Ġesù mar lura għand il-Missier. Tikkonfermah ukoll il-missjoni universali li Ġesù Rxoxt jagħti lid-dixxipli tiegħu u b'mod speċjali meta' jgħid "jien magħkom sal-aħħar taż-żmien" Mt 28:20. Ħaġa li għalkemm tinstema' stramba, tagħmel sens biss jekk min jgħid dan il-kliem mhux qiegħed fiżikament f'din id-dinja.
- It-Tlugħ fis-sema jġib separazzjoni minn mad-dixxipli, Ġesù jerġa' jieħu l-istat divin tiegħu li jjaħbih mill-għajnejn umani, imma mhuwiex it-tmiem tal-preżenza ta' Ġesù fost sħabu, inqas u inqas l-abbandun tal-umanita għall-misteru tal-ħażen li donnu jaħkem id-dinja: għall-kuntrarju jirrappreżenta dak li hu meħtieġ u inevitabbli biex titwettaq din l-opra, li l-Missier afdalu f'idejh. B'li jgħib minn quddiem għajnejna Ġesù jridna nifhmu kif fl-aħħar nistgħu nikkontemplaw wiċċ Alla u ngawdu l-ħbiberija u l-kumpanija tiegħu, irid jgħidilna biex ma ninħbewx iżjed minn għajnejh bħal Adam għax imbeżżgħin minħabba dnubietna, u l-mistħija ta' ħżunitna, għaliex dawn intrebħu mill-Mulej fuq is-salib.
- Imma meta' jmur minn din id-dinja għal għand il-Missier, Ġesù jħeġġiġna biex infittxuh għax hu jista' jinstab biss minn dawk li jfittxuh. Jekk b'qalbna maqtugħa nieqfu nfittxuh jew jekk ċerti li sibnih, nilludu ruħna li m'għandniex bħonn infittxuh iżjed imbagħad tassew inkunu tlifnih u minflok Alla ħaj ikollna f'idejna alla falz, trux u mutu, mingħajr ħajja u li propju għalhekk isir perikoluż, anzi letali.
- It-tlugħ fis-sema jseħħ ukoll minn att kbir ta' fidi ta' Alla lejna. Meta jgħib mill-istorja Ġesù fil-fatt irid bilfors jafda l-iktar ħaġa prezzjuża tiegħu – il-vanġelu – fl-idejn fqajra tagħna bħal teżor f'ġarar tal-fuħħar, veru, imma li ma jinkisrux minħabba d-don tal-Ispirtu s-Santu.
- Il-bibblista Valentino Vascaneo, jikteb "Hu ta' faraġ għalina naħsbu li Kristu ħalla f'idejn nies li kienu jafu biss it-toroq tal-Palestina; nies li kienu jafu

jitkellmu biss b' ilsien pajjiżhom, biex ixandru l-vanġelu lill-bnedmin kollha; nies li kienu ittradewh, u jiddubitaw li setgħu iwettqu il-missjoni li jxandruh u jixhdu għalih." Minn issa 'l quddiem Ġesù għandu bżonna, anzi ma jistax jgħaddi mingħajrna.

- Jekk naħsbu fuq l-isfiduċja u x-xettiċiżmu li ħafna, inklużi qassisin u reliġjużi għandhom lejn il-Knisja u l-Istituzzjonijiet tagħha, il-pessimiżmu anzi kważi disprezz lejn il-midinbin li jiffurmawha; ma nistgħux ma nistagħġbux li Alla jħobbna daqshekk li xorta jafda lil nies dgħajfa u inkonsistenti bħalna.
- Jekk l-affarijiet huma hekk, il-veru periklu għall-ħajja tal-Knisja mhumiex id-dgħjufijiet, id-dnubiet, jew saħansitra t-tradimenti tal-membri tagħha, imma s-sens ta' superjorita' ta' min jiddisprezza l-ħniena; il-pretensjonijiet ta' min jinsa li kollox hu grazzja; iċ-ċertezza ta' min jaħseb li wasal; it-tgergir, il-kritika u l-attakki li mhumiex ġejjin minn imħabba sinċiera lejn dan id-don kbir ta' Alla li hi kull komunita kristjana; it-tentazzjoni li nħobbu iktar il-Knisja idejali li tinsab biss f'moħħna u li hi ffurmata fuq il-qies tax-xewqat u l-proġetti, milli dik ta' veru li l-ħajja tlaqqana magħha u hi mmudellata fuq ix-xewqa u l-proġett ta' Alla.

*Minn La Realta' e' Cristo, Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 40; Silta mit-2 punt**

*On this day Jesus Christ left the earth and ascended into heaven, where he has fixed his dwelling forever. On this day his sacred humanity received the adoration of all the angels and all the just who entered heaven with him to take possession of their eternal happiness.*

*With all the saints, adore this sacred humanity, to whom all power has been given in heaven and on earth. Unite with all the saints to acknowledge and to honor this humanity as it deserves.*

*Look upon the humanity of Jesus as being the One in whom, as Saint Paul says, are all the treasures of God's wisdom and knowledge. From his humanity our Savior draws, as from their source, all the graces that he pours out on those who by their good works and by their prayers make themselves worthy to share in them.*

**TALBA**



*Ibżgħu mill-Mulej u agħtuh qima.*
*Jistħoqqlu l-Mulej li jircievi t-tifħir u l-ġieħ.*
*Faħħruh, intom ilkoll li tibżgħu mill-Mulej.*
*Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek.*
*Faħħruh, sema u art, faħħruh, intom xmajjar*
*u intom ulied Alla, bierku lill-Mulej.*
*Dan Huwa l-jum li għamel il-Mulej,*
*ħa nifirħu u nithennew fih.Alleluia!*
*Sultan ta' Israel.*

San Franġisk t'Assisi

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 2 ta' Ġunju**
San Pietru u San Marċellinu – martri
San Feliċ minn Nicosia – reliġjuż

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 19: 1-8 | Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu? |
| 2. Salm 67: 2-5aċ,6,7ab | Slaten tal-art, għannu lil Alla. |
| 3. Ġwanni 16: 29-33 | Agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja! |

**SAN PIETRU U SAN MARĊELLINU († c. 303) –martri**

- Marċellinu kien saċerdot magħruf f'Ruma, u Pietru kien eżorċista. Matul il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu, ħabta tat-303, Pietru kien mitfugħ il-ħabs minħabba l-fidi tiegħu. Fil-ħabs fejjaq lil bint il-kalzrier, jismu Arthemius, u minħabba f'hekk il-kalzrier, martu u bintu talbu li jsiru nsara.
- Pietru ħadhom għand il-qassis Marċellino biex jgħammidhom. Minħabba f'hekk issa anki Marċellino ġie mixħut il-ħabs u mogħti l-moħqrija. Wara, huma ġew ikkundannati għal qtugħ ir-ras. Is-sentenza segwewha ġo masġar f'post sigriet, biex il-post tad-difna jibqa' mistur.
- Il-Papa San Damasu ħalla skrizzjoni dwarhom minn dak li hu, meta kien għadu tfal, sema' dwar il-martirju ta' dawn iż-żewġ qaddisin mingħand dak stess li qatgħalhom rashom, billi wara kkonverta.
- S. Marċellinu u S. Pietru kienu midfunin fil-Via Labicana, qrib il-post magħruf bħala ż-żewġ siġar tar-rand.
- Sa mis-seklu 4 dawn il-qaddisin għandhom isimhom fil-kanoni Ruman tal-quddiesa, l-hekk imsejħa llum Talba Ewkaristika Nru. 1, u l-knisja tagħhom f'Ruma, fost l-eqdem fil-belt eterna, hi waħda mill-knejjes stazzjonali.
- Is-sultan Kostantinu difen lil ommu Sant'Elena fil-knisja li huwa bena fuq il-qabar ta' dawn iż-żewġ qaddisin martri.

**Riflessjoni: L-Għerf – id-don tal-Ispirtu s-Santu**

Meta Alla staqsa lil Salamun x'rigal xtaqu jagħtih, dan talab li jagħtih il-għerf, għax mingħajr l-għerf – jgħid Salamun – imqar jekk tkun l-iżjed bniedem perfett, ma tkun tiswa xejn (Għerf 9). Bosta jaħsbu li tkun għaref ifisser ikollok ftit sens komun u tkun taf toħroġ minn sitwazzjonijiet imwiegħra. Imma dan hu l-għerf kif tarah id-dinja (1Kor. 2:6). Il veru għerf hu dak li ġej mill-Ispirtu s-Santu u hu l-frott ta' esperjenza spiritwali ta' mħabba ma' Alla. Ejja Spirtu Qaddis (Pub. ĊAK)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 40, l-1 punt**

*Jesus Christ, having come to this earth only to give us a new law and to accomplish the mysteries of our redemption and having entirely fulfilled everything relating to the duties of his ministry as Legislator and Redeemer, had nothing left to keep him in this world. He seemed to be in a sort of constrained condition, for the center of his glorious body was in heaven, and his proper place was at the right hand of his Father. But the dealings he was still obliged to have on earth made it necessary for him to veil the radiance of his glory in his apparitions to his disciples.*



**TALBA**

*Mulej, jien ukoll bħal Pawlu nixtieq*
*ngħarraf lil Ġesù u l-qawmien tiegħu*
*lil dawk kollha li nagħmilha magħhom*
*u lil dawk kollha li jiena nħobb.*
*Imma Mulej inti taf li filfatt*
*ma nafx eżatt kif ser naqbad nagħmel,*
*inżomm fommi sieket.*
*Mulej kattar fija l-fidi biex jien inħoss li għandi*
*nkellem lil dawk ta' madwari,*
*dawk fil-paroċċa tiegħi,*
*nurihom li int tassew mimli ħniena,*
*u nwassalhom sa għandek.*
*Int il-veru tjubija, u jien inkun aktar żgur*
*billi inti tgħaddi*
*mingħandi.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 3 ta' Ġunju**
San Karlu Lwanga u sħabu - martri
Santa Klotilde - reġina

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 20: 17-27 | Intemm il-mixja tiegħi u l-ministeru li ħadt mingħand il-Mulej Ġesù. |
| 2. Salm 67 :10,11,20,21 | Slaten tal-art, għannu lil Alla. |
| 3. Ġwanni 17: 1-11a | Missier, agħti glorja lil Ibnek. |

**SANTA KLOTILDE (ċ. 474-545) - reġina**

- Klotilde kienet bint Kilperik, sultan tal-Borgonja, u twieldet f'Lyons (Franza). Ta' madwar 19-il sena (492 jew 493) riedu jżewwġuha lil Klodovew, re tal-Franki. Hi kienet lesta tieħdu b'żewġha u taċċetta wkoll lil ibnu Teodoriku li hu kellu minn konkubina, imma tħawdet għaliex hija kienet nisranija, waqt li r-re kien pagan.
- Meta kellha l-ewwel tarbija, Ingomero, Klotilde rnexxiela tgħammdu, imma t-tifel miet ftit wara. Wara tweldilha t-tieni iben, li għammditu wkoll u semmewh Klodomir. Warajh twieldu Kildebert, Klotarjo u tifla, li tawha isem l-omm Klotilde.
- Fl-aħħar irnexxilha tikkonverti 'l żewġha Klodovew għall-fidi nisranija u dan aċċetta li jitgħammed minn San Remiġju isqof ta' Rheims nhar il-Milied tal-496 wara li kien rebaħ battalja li kien donnu se jitlef wara li sejjaħ l-għajnuna ta' "Alla ta' Klotilde".
- Klodovew miet fil-511, u l-bqija ta' ħajjitha Klotilde għaddietha mnikkta bil-ġlied bejn it-tliet uliedha subien, Klodomir, Kildebert u Klotarjo, fuq il-wirt ta' missierhom.
- Sogħbiena għall-qtil tat-tliet ulied Klodimir minn ħuh Klotarjo, Klotilde ħalliet Pariġi u telqet għal Tours fejn għaddiet l-aħħar snin ta' ħajjitha tgħin lill-morda u lill-fqar qrib il-qabar tal-Isqof San Martin.
- Hija mietet f'dik il-belt fil-545, meta kellha 71 sena.

**Riflessjoni: Il-Fehma – id-don tal-Ispirtu s-Santu**

Mingħajr id-don tal-fehma, mhux possibli tifhem dak li ssib fil-Vanġelu. Kien għalhekk li l-Lhud tħawdu quddiem Ġesù. Għalihom kien jagħmel sens iżjed Barabba milli Ġesù. Ġesù ried jibni saltna fuq l-imħabba; Barabba donnu kien iżjed prattiku, ried jibni saltna fuq il-vjolenza. U l-Lhud fehmu iżjed lil Barabba milli lil Ġesù.
Ma tasal qatt biex tifhem lil Ġesù jekk ma jkollokx id-don tal-**Fehma**. Dan id-don imexxina lejn il-kontemplazzjoni.

Ejja Spirtu Qaddis (Pub. ĊAK)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 40, it-3 punt**

*Acknowledge that it is, indeed, a great advantage for you that Jesus Christ ascended into heaven; from there come all the gifts that ought to enrich and adorn your soul. By virtue of the power over all creatures, both in heaven and on earth, that Jesus Christ received this day, he is generous toward his people.*

*As their head, he makes them share in the life of grace, the fullness of which dwells in him, and as your mediator, he presents your prayers and good works to God, his Father. He prays for you to draw down God's mercy on you and to prevent God from turning his anger against you when you offend him.*

*Say with Saint Augustine, then, that the Ascension of Jesus Christ is your glory, the motive of your hope, and the promise of your happiness. Become worthy to have Jesus Christ as your Sovereign, your Head, and your Mediator in heaven.*



**TALBA**

*O Mulej,*
*kebbes fija id-don tal-fehma*
*għinni biex inkun nista' nifhem*
*il-kelma tiegħek*
*li toħroġ mill-Vanġelu*
*biex ma nitħawwadx*
*bħalma tħawdu l-Lhud.*
*Għinni nifhem*
*kif tixtieqni nifhem int.*
*Ammen*

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 4 ta’ Ġunju**
San Pietru minn Verona - martri
Beatu Ġakbu minn Viterbo - isqof
San Filippu Smaldone - saċerdot

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 20: 28-38 | Nitlaqkom f’idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu li għandha l-qawwa li tibnikom. |
| 2. Salm 67:29-30.33-35ab-36ċ | Slaten tal-art, għannu lil Alla. |
| 3. Ġwanni 17: 11b-19 | Ħa jkunu ħaġa waħda bħalna. |

**SAN FRANĠISK CARACCIOLO (1563-1608) - saċerdot**

- ❖ San Franġisk kien ġej minn familja magħrufa nobbli fl-Abruzzi (Italja Ċentrali) u kien jismu Ascanio, imma biddel ismu aktar tard b’devozzjoni lejn il-Fqajjar ta’ Assisi.
- ❖ Ta’ 22 sena mar Napli jistudja t-teoloġija għax ried isir qassis biex itemm wegħda li kien għamel biex ifiq minn marda kerha tal-ġilda tixbah lill-ġdiem, li kienet wasslitu kważi sal-mewt.
- ❖ San Franġisk Caracciolo baqa’ jgħix f’Napli fejn rebaħ il-qlub tal-foqra. Huwa kien jittallab għalihom, kien jippritkalhom u, wara li kien jorqod għal ftit sigħat fuq xi mejda jew fuq it-taraġ ta’ xi artal, kien ikun jistenniehom fil-konfessjonarju l-ewwel ħaġa filgħodu. Kien jgħin lil dawk ikkundannati għall-mewt.
- ❖ Jum minnhom waslitlu ittra minn Agostino Adorno biex jgħinu jwaqqaf f’Napli l-Kjeriċi Minuri Regulari. Filfatt dik l-ittra ma kinitx maħsuba għalih imma għall-qarib tiegħu li kien jismu bħalu Ascanio Carocciolo. Imma dak l-iżball ħadu b’indikazzjoni minn Alla għal dik il-missjoni ġdida u, flimkien ma’ Ġwanni Adorno, waqqaf kongregazzjoni ġdida li fiha għaqqad il-ħajja kontemplattiva mal-ministeru attiv, b’mod speċjali billi jippritkaw missjonijiet u jagħtu kura spiritwali lill-morda.
- ❖ Il-kjeriċi kienu jagħmlu vot li ma jfittxu l-ebda kariga u kuljum kienu joqogħdu siegħa kull wieħed jaduraw lil Ġesù Sagramentat.
- ❖ Huwa kien magħżul superjur tal-kongregazzjoni u bħala tali vvjaġġa tliet darbiet lejn Spanja bħala pellegrin jittallab il-ħobż matul it-triq. Kellu tant mħabba lejn il-fqar li meta kien jasal Ruma kien imur jgħix f’dar tal-fqar fejn kellu bħala ħabib wieħed lebbruż.
- ❖ S. Franġisk Caracciolo miet ta’ 45 sena, f’Agnone, f’dar tal-Oratorjani, lejlet il-festa ta’ Corpus Christi, fl-4 ta’ Ġunju 1608.

**Riflessjoni: Il-Qawwa – Id-don tal-Ispirtu s-Santu**

Dan id-don deher fl-aqwa tiegħu f'Ġesù, meta fil-Ġetsemani, għereq l-għaraq tad-demm bil-biża', u safrattant kien kapaċi jgħid lil Missieru: *"Tkun magħmula r-rieda tiegħek"* (Mattew 25: 39, 42).

Hija l-**Qawwa** tal-Ispirtu s-Santu li tgħinna nibqgħu onesti fuq ix-xogħol, ma niddakkrux fi kliemna mill-oħrajn, naħfru lil min jagħmlilna d-deni. Mingħajr dan id-don mhux possibli li ngħixu dak li Ġesù talabna fil-Vanġelu, għax bosta drabi hu wisq tqil għalina.

Ejja Spirtu Qaddis (Pub. ĊAK)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 3; Silta mit-3 punt**

*Although in this life we sigh under the weight of our bodies and long to be free of this burden, it is God who created us for this very purpose and who gave us his Holy Spirit as a pledge. It is, then, up to God to direct our path straight toward heaven, so that we may surely arrive there. For this reason, it was as the Son of God that Jesus Christ became the Author of our eternal salvation. Salvation, as the Prophet says, comes from God; perfection likewise comes from him. As Saint James assures us, every excellent grace and perfect gift come from on high and descend from the Father of lights.*

*Beg God, therefore, to lead you on the way to heaven by the path he has traced out for you. Ask him to help you embrace the perfection of your state, because he is the one who brought you into it and who consequently desired, and still desires, that you find in it the way and the means to be sanctified.*



**TALBA**

*O Alla, mimli b'qawwa ta' mħabba!*
*Imħabbtek hija don li tajtni,*
*mingħajr ma qgħadt tqis min jien u minn liema familja ġej,*
*ħallejtni liberu li nilqa' din l-imħabba jew li nagħlaq il-bieb ta' qalbi.*
*Imma inti dejjem lest u fidil biex tagħtini din l-imħabba.*
*Agħmel li nifhem tajjeb, li nitqaddes, ifisser li nimitak.*
*Għinni mela missier l-imħabba,*
*li nħobb lil dawk li jwarrbuni,*
*lil dawk li ma jistmawnix jew li jobogħduni.*
*Għinni biex nitlob għalihom.*
*Għinni biex nagħmlilhom it-tajjeb mingħajr ma nistenna ebda grazzi .*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 5 ta' Ġunju**
San Bonifaċju - isqof u martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 22: 30; 23: 6-11 | Jeħtieġ li tagħti xhieda f'Ruma. |
| 2. Salm 15: 1,2a,5,7-11 | Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn. |
| 3. Ġwanni 17: 20-26 | Biex isiru ħaġa waħda għal kollox. |

**SAN BONIFAĊJU (680-754) – isqof u martri**

- Twieled fi Crediton, Devonshire, l-Ingilterra, fis-sena 680, u kien jismu Winfrid. Daħal mal-benedittini ta' kunvent qrib Exeter, u wara mar f'dak ta' Nursling, qrib Winchester, fejn kien id-direttur tal-iskola, u kiteb l-ewwel grammatika Latina li qatt inkitbet fl-Ingilterra.
- Imma s-sejħa tiegħu kienet li jkun missjunarju. Imħajjar minn San Willibrordu, appostlu benedittin tal-Olanda, telaq fis-sena 716 imma kellu jirritorna Nursling. Mar imbagħad Ruma fis-sena 718, għand il-Papa San Girgor II li biddillu ismu f'Bonifaċju u bagħtu l-Ġermanja.
- Mill-ġdid Ruma, nhar Sant'Andrija, it-30 ta' Novembru 722, ġie kkunsagrat isqof b'ġurisdizzjoni fuq il-Ġermanja kollha.
- Protett u megħjun mir-Re Karlu, imsejjaħ "il-Martell", irnexxielu jikkonverti bosta pagani. Ma damux ma ngħaqdu miegħu bosta missjunarji ngliżi oħra.
- Bonifaċju waqqaf id-djoċesijiet ta' Erfurt, Buraburg u Wurzburg, kif ukoll dik ta' Eichstatt, waqt li hu baqa' isqof ta' Mainz. Ippresieda fil-konċilji li saru fi Franza mis-sena 743 sas-sena 747 u l-Papa San Zakkarija ħatru primat tal-Ġermanja.
- Kien Bonifaċju li nkuruna lir-Re Pepin, bin Karlu l-Martell fi Soissons. Imma Bonifaċju kellu jinkuruna l-ħajja appostolika tiegħu bil-martirju.
- Ta' madwar 73 sena, peress li wara l-mewt ta' San Willibrordu, xi nsara fl-Olanda kienu qed jerġgħu jsiru pagani, waqt li Bonifaċu kien qed iħejji ruħu biex jiċċelebra l-griżma lill-insara ġodda lejliet il-Pentekoste, fil-5 ta' Ġunju 754, folla ta' pagani qabżu fuqu u qatluh, flimkien ma' San Eoban u sħabhom kollha, bid-daqqiet tax-xwabel f'Dokkum.
- Dawn il-martri kienu ż-żewġ isqfijiet u t-53 dixxiplu tagħhom.
- Il-fdal ta' San Bonifaċju, l-"Appostlu tal-Ġermanja", jinsab meqjum fl-Abbazija ta' Fulda, l-iktar waħda importanti mill-Abbaziji kollha li Bonifaċju waqqaf fil-Ġermanja.

**Riflessjoni: Ix-Xjenza – Id-don tal-Ispirtu s-Santu**
Id-don tax-Xjenza mhijiex ix-xjenza li ssibha fil-kotba. Titgħallimha biss bl-esperjenza diretta tiegħek ma' Alla. Bosta drabi niddiskutu 'l Alla fuq il-mejda jew fuq il-ġurnali, mingħajr ma jkollna esperjenza diretta tiegħu.

L-Iskribi fi żmien Ġesù kienu teoloġi imma ma kellhomx id-don tax-xjenza. Il-ħalliel fuq il-lemin ta' Ġesù ma kienx teologu imma kellu d-don tax-xjenza meta talab lil Ġesù jiftakar fih meta jiġi fis-saltna tiegħu.

- ✓ **Ix-xjenza** umana tiġi, mela mill-kultura u l-istudju.
- ✓ **Ix-xjenza** divina tiġi mill-kontemplazzjoni u l-esperjenzi diretti ta' Alla.
- ✓ **Fix-xjenza** umana wieħed jiddiskuti u jirraġuna.
- ✓ **Fix-xjenza** divina wieħed jikkontempla u jintuwixxi bid-dawl li jagħtih l-Ispirtu.

Ejja Spirtu Qaddis (Pub. ĊAK)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 152, silta mit-2 punt**

*Although the purpose that the Son of God set before himself on coming into this world was to suffer for us, he willed to show for a short time, as it were in passing, some rays of his glory to three of his Apostles. With this in view, he led them to a solitary place on a high mountain. There he first gave himself to prayer and, while praying, was transfigured in their presence. His face became as bright as the sun, his garments all shining with light and as white as snow.*
*Saint Peter, who was present at this mystery, when giving testimony to what he had seen, says, We ourselves were witnesses of the majesty of Jesus Christ, for he received from God the Father a testimonial to his honor and glory when we were together with him on the holy mountain. Moses and Elias also were there and joined with him to do him homage*.



**TALBA**

*Għażiż Ġesù,*
*għinni biex inxerred il-fwieħa tiegħek kull fejn immur.*
*Fawwar il-qalb tiegħi bl-ispirtu u l-ħajja tiegħek.*
*Idħol ġewwa fija*
*u ħu kontroll tiegħi nnifsi kollni kemm jien,*
*b'mod li l-ħajja tiegħi tkun tirrifletti lilek biss.*
*Iddi minn ġo fija, kun ġo fija nnifsi b'mod*
*li kull persuna li niġi f'kuntatt magħha*
*tħoss il-preżenza tiegħek ġo fija.*
*Ħalli jħarsu u jaraw mhux aktar lili,*
*imma lilek biss!*

Kardinal John Henry Newman

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju**
San Norbertu - isqof
San Marċellino Champagnat

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 25: 13b-21 | Kwistjonijiet dwar ċertu Ġesù, li hu mejjet, imma Pawlu jgħid li hu ħaj. |
| 2. Salm 102: 1,2,11,12, 19-20ab | Il-Mulej waqqaf it-tron tiegħu fis-sema. |
| 3. Ġwanni 21: 15-19 | Irgħa l-ħrief tiegħi. Irgħa n-ngħaġ tiegħi. |

**Mill-istorja tal-Istitut**
Fl' 1694 San Ġwann Battista De La Sale u tnax-il Brother ieħor ħadu l-vot ta' Assoċjazzjoni, Ubbidjenza u Stabilità

**SAN NORBERTU (1080-1134)**

- San Norbertu twieled minn familja nobbli u sinjura ħafna f'Xanten, fuq ix-xmara Rhine, il-Ġermanja. Ġie mrobbi fil-lussu, fil-kumdità, fil-ħela.
- Għalkemm ġie ordnat Suddjaknu, kif ukoll Elemożinier fil-qorti ta' Enriku V, imperatur tal-Ġermanja, tela' bniedem tad-dinja.
- Darba waħda waqt li kien fuq żiemel għaddej mill-kampanja nqabad f'maltempata, u minħabba sajjetta fil-qrib, iż-żiemel sfratta u Norbertu waqa' minn fuqu u ntilef minn sensih. Meta ġie f'tiegħu għaraf kemm kien qrib tal-mewt, u li bil-ġid kollu li kellu, kien ser jidher quddiem Alla b'idu f'idu, u għalhekk iddeċieda li jbiddel ħajtu.
- Minkejja l-ostakli li għamlulu niesu u ħbiebu baqa' determinat li jgħix ħajja tajba, sakemm sar saċerdot fl-1115 meta kellu 35 sena. Imbagħad mar bil-mixi, ħafi u bla sold, jiltaqa' mal-Papa Ġelasju II, li kien f'St. Giles, fi Franza, u akkwista mingħandu s-setgħa li jipprietka kull fejn iħoss il-bżonn.
- Sar predikatur kbir, u mar jipprietka wkoll fil-Belġju u fi Franza. Fl-1121, fuq talba tal-Papa Kallistu II, li kien fil-Konċilju ta' Rheims, il-Ġermanja, waqqaf ordni li billi l-bidu tiegħu kien fil-wied ta' Premontre ġie msejjaħ l-Ordni tal-Premonstrati li f'qasir żmien infirex f'numru ta' monasteri.
- Fl-1126, Norbertu ġie maħtur Isqof ta' Magdeburg. Huwa ddefenda bil-qawwa kollha l-Papat. Kien favur il-Papa Innoċenzju II, kontra l-antipapa, Anakletu.
- Miet f'Magdeburg fis-6 ta' Ġunju, 1134, fl-età ta' 54 sena.

**Riflessjoni: Il-Pjetà– Id-don tal-Ispirtu s-Santu**

Tkun nisrani pjetuż ifisser tkun nisrani medhi f'ħajja ta' talb. Imma mhux biżżejjed tgħid it-talb. Tista' tgħid ħafna talb u ma dduqx il-ħlewwa tiegħu. Tista' wkoll tgħid ħafna talb imma ma jkollokx ħajja ta' talb.

Id-don tal-pietà jagħti togħma lit-talb tagħna. Idaħħalna fl-esperjenza ta' *"tfal ċkejknin quddiem missierhom li jgħajtulu:* ***Abba.****"*

Dan id-don jimmaturani fir-rapport tiegħi mal-oħrajn. Iżjed ma ngħix l-esperjenza tal-paternità ta' Alla għalija, iżjed nibda nħares lejn l-oħrajn fid-dawl li dawn huma kollha wlied Alla, u għaldaqstant ...

Mela d-don tal-**Pietà** huwa don li jeffettwa r-relazzjoni tiegħi ma' marti, żewġi, uliedi, ħbiebi u kulħadd.

Ejja Spirtu Qaddis (Pub. ĊAK)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 106, it-2 punt**

*The Pope, being the Vicar of Jesus Christ, the visible head of the Church, and the successor of Saint Peter, has wide authority over the entire Church. All the faithful who are members ought to regard him as their father and as the voice God uses to give his orders to them. He possesses the universal power of binding and loosing that Jesus Christ gave to Saint Peter; to him Jesus Christ has committed the responsibility first given to this holy Apostle of feeding his flock.*

*Your role, then, is to work to increase and to take care of this sheepfold; therefore, you must honor our Holy Father, the Pope, as the holy shepherd of this flock and the High Priest of the Church. You must respect his every word. It ought to be enough that something comes from him for you to be infinitely attentive. Is this how you have acted up to the present? Adore God's authority in this sovereign Shepherd of souls, and in the future, look upon him as the great teacher of the Church.*

**TALBA**



*Għażiż Ġesù,*
*Ibqa' miegħi, ħalli nsir niddi bħalma tiddi inti,*
*ħalli b'hekk insir dawl għall-oħrajn.*
*Id-dawl, O Ġesù, ikun ġej kollu minnek, xejn ma jkun tiegħi;*
*tkun inti li tiddi fuq l-oħrajn permezz tiegħi.*
*Għalhekk, ħallini nfaħħrek bil-mod kif inti tħobb l-aktar:*
*billi niddi fuq dawk ta' madwari.*
*Ħallini nxandrek bla ma nitkellem,*
*mhux bil-kliem, imma bl-eżempju tiegħi,*
*bil-forza qawwija ta' dak li jiena nwettaq,*
*bix-xhieda ċara tal-imħabba li f'qalbi tfawwar għalik.*
*Ammen*

Kardinal John Henry Newman

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 7 ta’ Ġunju**
**Il-Vġili ta’ Pentekoste**
Beata Anna ta’ San Bartilmew – verġni
San Antonio Maria Gianelli - isqof

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 28: 16-20, 30-31 | Pawlu baqa’ Ruma jxandrilhom is-Saltna ta’ Alla. |
| 2. Salm 10: 4,5 u 7 | Il-Mulej idawwar wiċċu lejn min hu sewwa. |
| 3. Ġwanni 21: 20-25 | Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hi minnha. |

**Mill-istorja tal-Istitut**
Fl’ 1694 San Ġwann Battista De La Salle ġie elett Superjur.

**SAN ANTONJU MARIA GIANELLI (1789-1846) - isqof**

- Dan il-qaddis twieled f’raħal żgħir jismu Cerreta, qrib Ġenova. Kien ġej minn familja fqira ħafna, imma billi kien ta’ intelliġenza mhux komuni u mħajjar għal saċerdot, mara għanja offriet li tħallas għall-edukazzjoni tiegħu.
- Qabel ma beda t-triq għal saċerdot, ommu wissietu: *“Ibni, jew qassis qaddis, jew qassis xejn!”* Dan il-parir ta’ ommu, imsieħeb mit-talb tagħha, żgur li kellu effett fuq Antonju li jibqa’ msemmi għall-ħajja qaddisa u t-tħabrik tiegħu għall-ġid tal-erwieħ.
- Antonio Gianelli kien ordnat saċerdot fl-24 ta’ Mejju 1812, u malajr beda jgħallem fis-seminarju ta’ Ġenova.
- Għall-ewwel kien viċikurat f’San Matteo f’Bologna, u mbagħad kappillan fi Chiavari. Hawn waqqaf is-Sorijiet ta’ Santa Maria dell’Orto, magħrufin ukoll bħala Gianellini, li għandhom bħala missjoni li jgħinu lill-proxxmu fil-bżonn.
- Huwa kien ukoll jgħallem fis-seminarju ta’ Bobbjo, djoċesi li tagħha, fl-1838, ġie maħtur isqof. Kien ragħaj spiritwali tassew eżemplari, u għamel ukoll ħafna ġid materjali. F’Bobbio waqqaf ukoll l-Oblati ta’ San Alfons, kongregazzjoni ta’ saċerdoti għall-formazzjoni tal-kleru, imma din ma komplietx.
- San Antonju Maria Gianelli miet nhar il-Festa tat-Trinità, fis-7 ta’ Ġunju 1846 fl-età ta’ 57 sena.
- Iddikjarah qaddis Papa Piju XII fl-1951.

**Riflessjoni: Il-Biża’ ta’ Alla – Id-don tal-Ispirtu s-Santu**
Hemm diversi tipi ta’ biża’. Nibżgħu mit-tbatija, mill-kritika, mill-passat u nippruvaw naħbuh, mill-futur; nibżgħu kultant nagħmlu t-tajjeb quddiem l-oħrajn. Jeżisti

mbagħad il-biża' minn Alla. Hemm min jibża' li jekk ma jagħmilx is-sewwa, Alla jikkastigah. Dan hu biża' servili. Dan jista' jwassal ukoll għal fittaġni u skrupli.
M'aħniex qed nifhmu dawn it-tipi ta' biża'. Id-don tal-**Biża'** mhux biża' **minn** Alla, imma hu biża' **ta' Alla.** Hu biża' li tista' ... toffendi jew tweġġa' lill-persuna l-maħbuba, jew li tista' titlifha.
Bin Sirak għandu kliem sabiħ dwar dan id-don: ***"Il-biża' tal-Mulej iferraħ il-qalb, u jnissel ferħ, hena u ħajja twila"*** (Sir. 1: 11-16, 18. 20) Ejja Spirtu Qaddis (Pub. ĊAK)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 88, it-2 punt**
*If Saint John was much loved by Jesus, he also loved Jesus very much. The first sign he gave of this love was that he gave up everything in order to follow him.*
*If Saint John followed Jesus to Mount Tabor, where he manifested his glory to his Apostles, he also accompanied him to Calvary, where he appeared as an object of malediction, although all the other disciples had abandoned him. He was, then, the only Apostle who followed Christ even to death, for he wanted to be the witness of his sufferings right up to the end. He was also the first to be at the tomb of Jesus Christ, to make sure of the truth of his Resurrection and to be able afterward to announce it to the others.*
*See what his tender love made Saint John do to respond to the love of Jesus for him. Reflect often that because Jesus gave himself entirely to us and for us, we too must give ourselves totally to him, do everything for him, and not seek ourselves in anything. Our whole care ought to be to detach ourselves from all things in order to attach ourselves to God alone, because nothing is equal to him and he is the only one to whom we can securely give our hearts.*



**TALBA lil Ġesù**

*Ġesù,*
*noffrilek lili nnifsi,*
*dak li jien u dak li għandi,*
*kollox huwa tiegħek.*
*Noffrilek ix -xogħol tiegħi u inti tagħtini l-mistrieħ*
*Noffrilek in-niket tiegħi u inti tagħtini l-faraġ.*
*Noffrilek it-tentazzjonijiet tiegħi u inti tagħtini r-rebħa.*
*Noffrilek it-tbatija tiegħi u inti tagħtini s-sabar*
*Jien nagħtik iż-żmien tiegħi u inti tagħtini l-eternità'.*
*Inħobbok Ġesù!*

Bernard Vaughan

**Missierna ...**

## Il-Ħadd, 8 ta' Ġunju
## Għid il-Ħamsin



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 2: 1-11 | Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu. |
| 2. Salm 103 :1,24,29-31,34 | Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art. |
| 3. 1Korintin 12: 3b-7,12,13 | Ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed. |
| 4. Ġwanni 20: 19-23 | Ħudu l-Ispirtu s-Santu. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Hemm kuntrast qawwi bejn il-ġrajja li jiddeskrivilna l-ewwel qari "F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha....U dehrulhom ilsna qishom tan-nar." , u dik tal-evanġelju fejn Ġesù jagħti lill-Ispirtu s-Santu b'rigal lid-dixxipli sempliċement billi jonfoħ fuqhom. It-ton kwiet tar-rakkont ta' San Ġwann, l-ambjent ta' ġabra, il-ftit ġesti meqjusa tal-protagonist (Ġesù), jagħmlu din il-ġrajjja xi ħaġa intima, saħansitra mistura. B'differenza għall-verżjoni li jagħtina San Luqa fl-Atti, hawnhekk kollox iseħħ il-bogħod mill-kurżita tan-nies u jinvolvi numru żgħir ta' persuni.
- Madankollu hija din is-silta li b'tant serjeta u bl-ikbar qawwa tissuġġerielna li dak li ġara dakinhar biddel l-istorja tad-dinja. L-evanġelista jfakkarna sempliċement li "nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu" Ġw 20:22. Ebda riħ qawwi, jew ragħad, l-ebda ilsna tan-nar u għeġubijiet li jsaħħru lill-folol u jqanqlu konverżjonijiet tal-massa. Daqxejn nifs fuq id-dixxipli miġburin: tfakkarna fiż-żiffa ħelwa li farrġet lil Elija fuq il-Ħoreb meta kien inkwetat dwar dak li kien għadu kif ra, u wrietu l-preżenza t'Alla li ssalva.
- Nifs biss, imma biex ifakkarna li aħna neżistu għax imdendlin b'dak in-nifs divin li bih il-Ħallieq fil-bidu, biddel lil Adam minn trab għal bniedem ħaj. Fl-intimita taċ-Ċenaklu isseħħ il-meravilja tal-ħolqien il-ġdid. Il-bniedem Ġesù, Bin Alla, dak li l-Missier ħeles mit-tħassir tal-qabar biex jingħaqad miegħu fil-milja tal-ħajja divina, ma jżommhiex għalih imma jagħtiha b'rigal, jixtieq iqassamha lil ħutu kollha u hekk iwettaq il-profezija tal-Battista li kien għarfu bħala dak li kellu jgħammed lill-umanita bl-Ispirtu s-Santu.
- Il-Pentekoste fil-vanġelu ta' Ġwanni huwa tħabbira ta' Ġesù li miet u qam. Alla beda l-ħolqien ġdid, it-tiġdid radikali tant mixtieq mill-umanita tul iż-żmien imma li l-ebda proposta umana ma setgħet iġġib. Dan kollu issa jitwettaq f'Ġesù, il-Kelma ħajja ta' Alla u bl-Ispirtu s-Santu in-Nifs divin li jagħti l-ħajja eterna. Hija ġrajja kbira, l-ikbar waħda fl-istorja li donnha ftit għamlet effett soċjali; minbarra d-dixxipli fil-fatt ma nduna ħadd bil-bidla li seħħet fid-dinja ta' dak iż-żmien, it-tixrid tal-Ispirtu. Anke aħna llum insibuha bi tqila biex nintebħu biha f'din id-

dinja mmexxija minn qawwiet li ma  Alla ftit li xejn għandhom x'jaqsmu.

- Madankollu s-sinjali tat-tiġdid ma jonqsux għal min irid jilqagħhom u huma propju dawk li l-Irxoxt juri lil sħabu: huma l-pjagi miftuħa tal-membri tal-Knisja, ġisem ta' Kristu; tal-fedelta li biha tixhed għall-Mulej kultant f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna, u tal-ġenerożita li biha taqdi l-proxxmu, dak li hu l-iktar umli, fqir u ppersegwitat.  Hi l-Paċi li tirbaħ il-beżgħat li jagħlqu lill-bniedem fih innifsu u ma jħalluhx jara t-tajjeb u jwettqu.  Il-Paċi li teħles lil min jemmen mir-rikatt tad-dinja, billi l-ewwel teħilsu mill-attakkament miegħu innifsu, il-Paċi tal-Mulej li l-frott tagħha huma l-ferħ, u l-għaqda intima mal-aħwa.  Imma wkoll il-paċi bejn il-ġnus tad-dinja li tinkiseb b'ħafna paċenzja, bid-djalogu, bil-ġustizzja u fuq kollox bil-maħfra.
- Għaliex dan hu l-ikbar don tal-Ispirtu s-Santu – l-maħfra li saret possibbli minħabba l-fedelta ta' Ġesù għall-Missier, terġa' tinxteħet lura fuq l-umanita li minħabba l-Ħniena t'Alla għadha ħajja.  Il-Knisja mibgħuta fid-dinja mill-Irxoxt, għandha quddiemha żewġ għażliet, kif tfakkar Mat' Marija, soru ortodossa maqtula f'kamp ta' konċentrament Nażist:
- “nimxu fuq art soda, nagħmlu biss dak li hu tajjeb u rispettabbli, u hekk inqisu, niżnu, nipprevedu.... Jew naċċettaw l-istedina ta' Ġesù li nimxu fuq l-ilma, inħallu 'l-Ispirtu jmexxina biex nagħmlu dan hu essenzjali nemmnu l-ħin kollu, għax biżżejjed li niddubitaw għall mument wieħed biex nibdew negħrqu.”

*Minn La Realta' e' Cristo, Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 43, l-1 punt**

*The holy Apostles remained in seclusion and applied themselves to prayer from the Ascension of Jesus Christ until the day of Pentecost. This was a feast that the Jews celebrated in memory of the giving of the Old Law to Moses on Mount Sinai.*

*On this day the Holy Spirit descended on the Apostles and on all those who were gathered together with them in the large upper room. He came to bring them a new law, the law of grace and love, and he poured himself out upon them like a strong, driving wind.*

*This was to show that just as God in creating man had, as Holy Scripture expresses it, breathed into him the breath of life, so too in communicating a new life to his disciples to live only by grace, he breathed into them his divine Spirit to give them some share in his own divine life.*

*The Spirit of God also ought to come and to rest upon you on this sacred day, to make it possible for you to live and to act only by the Spirit’s action in you. Draw him within you by offering him a well disposed heart.*



**TALBA LILL-ISPIRTU S-SANTU**

*Inti li ssolvi l-problemi kollha,*
*dawwal it-toroq kollha tiegħi*
*biex nikseb dak li neħtieġ.*
*Int li tajtni r-rigal divin biex naħfer*
*u ninsa d-deni kollu li jsir kontra tiegħi,*
*u li f'kull mument ta' ħajti wegħdtni li tkun miegħi;*
*f'din it-talba qasira nixtieq nirringrazzjak ta' dan kollu*
*waqt li nikkonferma mill-ġdid*
*li ma rrid qatt ninfired minnek bid-dnub,*
*anke quddiem l-illużjonijiet tad-dinja.*
*Nixtieq li nkun miegħek fil-glorja ta' dejjem.*
*Grazzi għall-ħniena tiegħek lejja u lejn dawk li jiġu minni.*
*Ammen*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 9 ta' Ġunju**

San Efrem - djaknu u duttur tal-Knisja
Beata Anna Marija Taigi

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1Slaten 17: 1-6 | Elija jservi quddiem il-Mulej, Alla ta' Iżrael. |
| 2. Salm 120 : 1-8 | L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej. |
| 3. Mattew 5: 1-12 | Henjin il-foqra fl-ispirtu. |

**BEATA ANNA MARIJA TAIGI (1769-1837)**

- Din il-beata kienet mara tad-dar, u omm ta' sebgħa. Missierha kien bniedem idejh magħluqa; ta' 13-il sena bagħatha taħdem, l-ewwel f'fabbrika tal-bellus, imbagħad bħala seftura.
- Ta' 20 iżżewġet lil Domenico Taigi, seftur ruman ikbar minnha sewwa fiż-żmien. Għall-ewwel kienet vanituża ħafna, speċjalment fi lbiesha.
- Wara t-twelid tal-ewwel tarbija, immexxija minn saċerdot li għaraf ir-ruħ tagħha, bdiet ħajja ta' virtù u tgħakkis. Il-konfessur tagħha kellu jimmoderaha fil-penitenzi tagħha.
- Ingħaqdet mat-terzjarji Trinitarji u bdiet ukoll titqarben kuljum. Flimkien mal-favuri tas-sema, bħal estasijiet u profeziji, ma naqsux il-problemi normali tal-familja: faqar, kura ta' ommha marida, raġel li għal kull xejn jitlagħlu, imma li hi

servietu bħallikieku kien Kristu, u ż-żamma tal-paċi f'familja kbira, fosthom mart binha ta' karattru diffiċli ħafna.

- ❖ Il-Madonna qaltilha li l-vokazzjoni tagħha kienet li turi li l-qdusija, setgħet tkun prattikata f'kull stat ta' ħajja.
- ❖ Il-Beata Anna Marija Taigi mietet ta' 68 sena, fid-9 ta' Ġunju 1837. Żewġha, ta' 92 sena, kien wieħed mix-xhieda fil-proċess tal-beatifikazzjoni tagħha.

**Riflessjoni:**
Ġesù jidħol fid-dinja bħala l-ifqar fost il-fqar, bi twelid ta' degradazzjoni kbira, jitwieled fi platt tal-annimali. Huwa messaġġ qawwi għalina lkoll biex infittxu mhux il-postijiet ta' quddiem iżda nkunu minn tal-ewwel li nwettqu u nobdu r-rieda ta' Alla. Hija f'din l-epifanija umli u ta' kuljum li rridu ngħixu l-vokazzjoni tagħna nisranija 'l bogħod mis-suppevja, tgergir jew għatx għall-poter. U niftakru wkoll biex inħallu l-bieb ta' qalbna miftuh ... ħalli Ġesù jsib post dejjem. Mitt Minuta mal-Mulej, Fr. Charles Fenech

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 142; l-1 punt**
*This saint (Saint Bonaventure) had such a great love for poverty that he wrote a book, which he entitled The Apologia of the Poor, to make known the excellence of this virtue. In it he demonstrates that voluntary poverty is the foundation of Gospel perfection, because by renouncing all things and the desire to have anything, which is called poverty of spirit, we cut off and tear out the root of all evils, which is concupiscence, as Saint Paul declares.*
*This is why, says Saint Bonaventure, when Jesus Christ wished to lead his disciples to perfection, he began by making them understand the happiness that the truly poor in spirit enjoy. Then he urged them to practice poverty, telling them that if they wished to be perfect, it was necessary for them to sell all that they had and to give it to the poor. In this book Saint Bonaventure taught only what he practiced, because he chose the poorest order in the Church when he became a religious.*
*Let us enter into the sentiments of this holy doctor and imitate his example.*



**TALBA *(Siltiet minn Talba ta' Omm ta' Familja)***

*Mulej Alla, bierek il-familja tiegħi.*
*Agħmilha xbieha sabiħa tat-Trinità.*
*Nebbaħ lil żewġi biex jimita l-kompassjoni u l-glorja tiegħek ...*
*Nebbaħni Mulej bl-għarfien profond tas-sehem tiegħi*
*bħala l-qalb tal-familja tiegħi.*
*Agħtini, bħalma int tajt lil Anna Maria Taigi,*
*il-qawwa biex inkun eżempju ta' ċaħda tiegħi nnifsi*
*u mezz ta' rikonċiljazzjoni ...*
*Agħmel minn uliedi persuni li jaħsbu fija u f'żewġi u juruna mħabbithom,*
*u jalla jkunu lest li jitgħallmu mill-esperjenza u mill-għerf ta' min hu akbar minnhom ...*
*Nitolbok dan f'isem Ġesù. Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 10 ta' Ġunju**
Beatu Ġwann Dominici - isqof
Santa Margerita - reġina tal-Iskozja
Beatu Edwardu Poppe - saċerdot

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1Slaten 17: 7-16 | Din hi l-kelma tal-Mulej: il-ġarra tad-dqiq ma tintem qatt. |
| 2. Salm 4: 2-8 | Ixħet fuqna Mulej, id-dawl ta' wiċċek. |
| 3. Mattew 5: 13-16 | Intom id-dawl tad-dinja. |

**SANTA MARGERITA (†1093) - reġina tal-Iskozja**

- Margerita kienet prinċipessa Ingliża li kienet imrobbija fil-qorti ta' San Stiefnu, re tal-Ungerija.
- Wara li rritornat l-Ingliterra hija baqgħet biss għal żmien qasir fil-qorti tar-re Edwardu l-Konfessur, għaliex meta n-Normanni rebħu l-Ingilterra (1066) hi kellha terġa' tmur fl-eżilju.
- Sabet kenn fil-qorti ta' Malcolm Canmore, re tal-Iskozja, li aktar tard iżżewwiġha. Din il-mara istruwita u twajba bilfors li ħalliet impressjoni qawwija fuq ir-re, li kien mexxej kapaċi, u fuq il-poplu ta' dan il-pajjiż imbiegħed u, dak iż-żmien, kien għadu xi ftit primittiv.
- Għandna miktub dwarha minn wieħed kontemporanju: *"Hi qanqlet lir-re għal opri ta' ġustizzja, ħniena, karità u virtujiet oħra li fihom kollha, bil-grazzja ta' Alla, hi wasslitu biex iwettaq ix-xewqat tagħha. Għaliex hu, billi ra li Kristu kien jgħammar fil-qalb tar-reġina, kien dejjem lest biex jimxi fuq il-parir tagħha."*
- Margerita kienet mudell ta' mara miżżewġa u omm eċċellenti. Kellha tmien ulied; tlieta minnhom okkupaw, wieħed wara l-ieħor, it-tron tal-Iskozja.
- Kienet tonfoq il-ġid tagħha fuq opri ta' karità, il-ħin liberu tagħha fit-talb u l-kura tal-morda u tal-iltiema. Il-prudenza u l-'foresight' tagħha ġiebu l-introduzzjoni ta' kultura avvanzata barranija u ta' drawwiet Rumani fis-saltna tagħha, mingħajr iżda ma ġiebu magħhom nuqqas ta' qbil jew skuntentizza.
- Santa Margerita Reġina mietet fl-10 ta' Ġunju 1093, erbat ijiem biss wara żewġha.
- It-tnejn kienu midfunin fil-knisja tal-abbazija ta' Dunfermline (fil-Majjistral ta' Edinbourgh) li huma kienu waqqfu.
- Kienet ikkanonizzata fl-1250 u fl-1673 Klement X ddikjaraha patruna tal-Iskozja.

**Riflessjoni:**
"Inqdew bil-ġid tad-dinja, imma xtiequ dak tas-sema; żommu l-ġid tal-art sakemm għadkom miexja, imma xtiequ dak li jsir tagħkom għal dejjem wara li tispiċċaw il-

mixja; ħarsu bħallikieku mill-ġenb lejn dak li hu tad-dinja, iżda fittxu li l-għajnejn tal-ispirtu tagħkom iħarsu 'l quddiem u taqilgħuhomx minn dak li għalih tridu taslu. Qaċċtu mill-qiegħ id-drawwiet ħżiena, mhux biss l-għemil, imma wkoll kull ħsieb li jitnissel mill-qalb. Ma nħallux il-pjaċir tal-ġisem, l-inkwiet, il-ħsibijiet u l-ġibdiet imżejda għall-interessi tal-art iżommuna lura mill-mejda tal-Mulej." San Girgor il-Kbir

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 32, silta mit-2 punt**

*In this way Jesus Christ, entering a soul, raises it so far above all human sentiments, through the faith that enlivens it, that it sees nothing except by the light of faith. No matter what anyone does to such a soul, nothing can disturb its constancy, make it abandon God's service, or even diminish in the least degree the ardor it feels for God, because the darkness that previously blinded its spirit is changed into an admirable light. As a result, the soul no longer sees anything except by the eyes of faith. Do you feel that you have this disposition? Pray to the risen Christ to give it to you.*

**TALBA**



*O Alla,*
*kollok qawwa u ħniena,*
*ibgħat l-Ispirtu s-Santu*
*biex jgħammar ġewwa qalbna u jagħmilna*
*tempji tal-glorja tiegħu.*
*Dan nitolbuk bl-interċessjoni*
*ta' Ibnek Sidna Ġesù Kristu*
*li jgħix u jsaltan, flimkien*
*mal-Ispirtu s-Santu,*
*Alla wieħed għal dejjem ta' dejjem,*
*Ammen.*

**Missierna ...**

## L-Erbgħa, 11 ta' Ġunju

San Barnaba - appostlu

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 11: 21b-26; 13: 1-3 | Kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi. |
| 2. Salm 97: 1-6 | Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus. |
| 3. Mattew 10: 7-13 | Intom u sejrin xandru u għidu li s-saltna tas-smewwiet waslet. |

**SAN BARNABA (c. 1-60) - appostlu**

- San Barnaba kien Lhudi mit-tribù ta' Levi u twieled f'Ċipru. Proprjament kien jismu Ġużeppi, imma l-appostli bidlulu ismu f'Barnaba, li skont San Luqa jfisser "iben il-faraġ" (Atti 4,36), isem li jagħtina x'nifhmu d-doni effiċjenti tiegħu bħala predikatur fil-Knisja tal-bidu.
- L-*Atti tal-Appostli* (11, 24) jiddeskrivih bħala "*raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi.*" Huwa biegħ għalqa u l-flus li daħħal mill-bejgħ tah lill-appostli biex jitqassmu lill-foqra.
- L-appostli bagħtuh f'Antjokja tas-Sirja, it-tieni l-ikbar belt fl-imperu u tarġa għall-appostolat nisrani fost il-ġentili. Isem Barnaba kien kontinwament assoċjat ma' dak ta' S. Pawl sakemm it-tnejn infirdu ftit qabel it-tieni vjaġġ missjunarju.
- Kien Barnaba li introduċa 'l Pawlu lill-appostli u għamel tajjeb għall-ġenwinità tal-konverżjoni tiegħu. Xi għaxar snin wara Barnaba mar Tarsus biex isib lil Pawlu, ħadu lura f'Antijokja u għal sena ħejjieh u ħarrġu fl-appostolat.
- Huma attendew flimkien il-Konċilju ta' Ġerusalemm. Imma fir-ritorn tagħhom lejn Antjokja, huma nfirdu minn xulxin għaliex San Barnaba ried li jissieħeb magħhom neputih Ġwann Mark fit-tieni vjaġġ tagħhom missjunarju, waqt li San Pawl ma riedux (Atti 15, 30-40).
- Għalhekk Barnaba mar lura Ċipru ma' Ġwann Mark. M'għandniex dettalji ċerti aktar dwaru ħlief li kien magħruf mill-Korintin (1 Kor. 9,6).
- Tradizzjoni tardiva tgħid li San Barnaba sofra mewta vjolenti bit-tħaġġir f'Salamis, il-belt fejn twieled. Wara t-Tnax u S. Pawl, Barnaba jidher li kien l-aktar persuna prominenti fil-Knisja Appostolika. Il-Liturġija tagħtih kważi l-istess status tal-Appostlu attwali ta' Ġesù.
- L-hekk imsejħa *Ittra ta' San Barnaba*, għalkemm hi dokument bikri ħafna, mhix xogħol tiegħu.

**Riflessjoni:**

San Barnaba jagħtina eżempju ta' umiltà u ta' distakk mill-ġid tad-dinja: ta' umiltà, għax dejjem iħalli lil San Pawl jitkellem u jċedilu dejjem l-ewwel post; ta' distakk, għax ibiegħ ġidu kollu u jagħtih lill-fqar. Il-ġid tad-dinja hu don t'Alla li għandna nilqgħu bil-gratitudni u ninqdew tajjeb bih. Hu wkoll fl-istess ħin periklu u xkiel: għalhekk bosta qaddisin ħallewh wara spallejhom biex aktar ikunu qrib Ġesù.

Bro. Louis

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 134, it-2 punt**

*This detachment of Saint Barnabas procured for him so great an abundance of faith and of the spirit of religion that Saint Luke, praising him in a few words, says that he was a man full of goodness and filled with the Holy Spirit and faith. This goodness in him and the tenderness he felt for his neighbor led the Apostles to appoint him, along with Saint Paul, to distribute the alms sent from Antioch to Jerusalem during a great famine. Faith and the Spirit of God, which inspired him, enabled him to perform several miracles that led people to regard him, along with Saint Paul, as a god.*

*Do you act in such a way that you have as much kindness and affection for the children you instruct as Saint Barnabas had for the people for whose conversion and salvation he was working? The more tenderness you have for the members of Jesus Christ and of the Church who are entrusted to you, the more God will produce in them the wonderful effects of his grace.*



**TALBA**

*Missier tas-sema u l-art,*
*int inqdejt bil-kbar u ż-żgħar*
*biex ixxerred il-kelma tiegħek fostna.*
*Agħtina r-rieda tajba biex nisimgħu u nqimu l-Vanġelu*
*b'kull mezz li inti tinqeda bih, b'Ġesù Kristu Sidna,*
*Ammen.*

Magnificat

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 12 ta' Ġunju**

Santa Pawla Frassinetti – reliġjuża
Santa Flora ta' Beaulieu – verġni
San Ġwann minn Saħaġun – presbiteru
Beatu Alfons M Mazurek – presbiteru u sħabu martri
Beata Jolanda - reliġjuża

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1Slaten 18: 41-46 | Elija talab u s-sema radd ix-xita. |
| 2. Salm 64: 2a,10abċd,10e,11-13 | Tifħir lilek jistħoqq, o Alla. |
| 3. Mattew 5: 20-26 | Il-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. |

**SANTA PAWLA FRASSINETTI (1809-1882) – reliġjuża**

- Din il-fundatriċi tas-sorijiet Dorotej twieldet f'Ġenova, tifla unika fost ħames aħwa. L-erba' ħutha subien kollha saru saċerdoti. Meta Pawla kellha 9 snin ommħa mietet, u hi qiegħdet il-fiduċja tagħha f'Marija omm Ġesù, filwaqt li ddedikat lilha nfisha għal missierha u l-erba' ħutha subien. Missierha li kien ta' karattru possessiv, ma riedx jibgħatha l-iskola, imma hu nnifsu għallimha taqra u tikteb. Pawla malajr xorbot ħafna tagħlim dwar ir-reliġjon u l-kultura mid-diskussjonijiet li kienu jagħmlu ħutha s-seminaristi ikbar minnha.
- Pawla ntbagħtet għand ħuha l-kbir Dun Ġużepp, kappillan ta' Quino għal xi żmien biex tieħu saħħitha. Hawn ġiet f'kuntatt mal-attivitajiet parrokkjali u

malajr saret konxja tal-vokazzjoni tagħha. Ma kinitx trid ħlief li tgħallem u tieħu ħsieb ta' tfal bniet oħra, l-aktar dawk fqar u emarġinati.

- Bil-parir ta' ħuha u saċerdoti oħa, ta' 25 sena tat bidu għall-istitut "Figlie de Santa Fede" (Ulied il-Fidi Mqaddsa), li wara, l-isem inbidel f'dak ta' Sorijiet ta' Santa Dorotea. Imma l-ewwel grupp tferrex, u baqa' biss dawk li kienu l-aktar dedikati. Ma' dawn, fit-12 ta' Diċembru tas-sena 1834, festa ta' Santa Kjara ta' Assisi, kellu bidu l-istitut il-ġdid.
- Id-diffikultajiet ma naqsux; imma Pawla, b'kuraġġ, b'ġenerożità u b'fidi qawwija, baqgħet sejra 'l quddiem, tiftaħ diversi kunventi ta' sorijiet tagħha ddedikati b'mod speċjali għat-tagħlim tal-bniet. Bagħtet lill-ulied tagħha fil-Brażil u fil-Portugall, u llum tinsab imxerrda fi 15-il pajjiż.
- Hija kitbet ħafna ittri lis-sorijiet tagħha li juru kemm kienet tgħożżhom bħala uliedha, u li fihom kienet tagħtihom ħafna pariri sbieħ. L-ittri jikxfu wkoll kemm il-qaddisa kienet bniedma ta' ħajja spiritwali għolja.
- Santa Pawla Frassinetti mietet fil-11 ta' Ġunju tas-sena 1882, fl-età ta' 73 sena. Ġiet ibbeatifikata fit-8 ta' Ġunju tas-sena 1930, u l-papa qaddis Ġwanni Pawlu II fil-11 ta' Marzu tas-sena 1984, iddikjaraha qaddisa.
- Is-sorijiet Dorotej jagħtu s-sehem tagħhom fix-xandir tal-evanġelju permezz tal-edukazzjoni fl-iskejjel, it-tagħlim reliġjuż u l-formazzjoni tal-mexxejja, irtiri, ħidma missjunarja u ħafna forom oħra ta' ħidma soċjali, b'mod speċjali fost it-tfal, il-foqra, l-emigranti, iż-żgħażagħ u n-nisa.

**Riflessjoni:**

Jekk aħna veru wlied Alla rridu nħobbu kif Alla ħabb lilna jiġifieri mingħajr limiti u kundizzjonijiet, li naħfru u li ngħinu lil min iweġġagħna. Mhux faċli iżda din hija l-bidla ta' mentalità li jridna nwettqu Alla. Huwa BISS jekk inħobbu lil xulxin, li Alla jgħammar fina u aħna ngħammru f'Alla għax inkunu xhieda awtentika tiegħu.

Mitt Minuta mal-Mulej, Fr. Charles Fenech

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 200, it-2 punt**

*It would have been of little use if the holy Apostles had instructed the first Christians in the essential truths of our religion and did not lead them to live the Christian way of life and conform to what they had lived with Jesus Christ. The Apostles were not satisfied with teaching doctrine; they had a marvelous care to bring the first Christians to practice their religion. God blessed their care in such a way that it is said that those who first received the faith persevered in the teaching of the Apostles, in the communion of the breaking of bread, and in prayers. They continued to go to the Temple every day united in the same spirit. In other words, after they were baptized, they were living in harmony with the teaching of the Apostles.*

*Following his conversion, Saint Paul did the same, for it is said of him that after instructing the people of Ephesus for three months in the Jewish synagogue, he then taught every day in the school of a man named Tyrannus and continued this practice for two years, with the result that the disciples of that city were baptized in the name of the Lord and received the Holy Spirit through the laying on of hands.*

*The chief care, then, of the Apostles, after instructing the first faithful, was to have them receive the sacraments, assemble for prayer together, and live according to the Christian spirit.*



**TALBA**

*Verb Etern,*
*kelma ta' Alla tiegħi,*
*irrid ngħaddi ħajti nisimgħek,*
*irrid noqgħod dejjem attenta*
*biex nitgħallem kollox mingħandek.*

Beata Eliżabetta tat-Trinità – Karmelitana

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju**

Sant Antnin ta' Padova – presbiteru u duttur tal-Knisja

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1Slaten 19: 9a,11-16 | Oħroġ u oqgħod fuq il-muntanja quddiem il-Mulej! |
| 2. Salm 26: 7-9abċ,13-14 | Jien wiċċek infittex, Mulej. |
| 3. Mattew 5: 27-32 | Kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu. |

**SANT' ANTNIN TA' PADOVA (1191-1231) - saċerdot u duttur tal-Knisja**

- Padova hi l-isem tal-belt fl-Italja fejn Sant'Antnin għex l-aħħar snin ta' ħajtu. Twieled Lisbona, il-Portugall, fl-1911, minn familja nobbli, u fil-magħmudija semmewh Ferdinandu.
- Beda l-iskola fil-katridral ta' Lisbona. Ta' ħmistax-il sena daħal mal-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, iżda billi kien qed ikollu ħafna żjajjar minn qrabatu u ħbiebu talab biex ibiddel il-monasteru, u ġie mibgħut f'Koimbra. Hawnhekk studja sew l-Iskrittura u s-Santi Padri, u ħa wkoll il-Quddiesa.
- Fis-16 ta' Jannar 1220 ġew maqtula fil-Marokk l-ewwel ħames martri Franġiskani, u f'dik is-sena stess ġabu l-iġsma tagħhom f'Koimbra. Meta Ferdinandu ra l-purċissjoni għaddejja tqanqal ħafna biex jidħol mal-Franġiskani ħalli jkun jista' jmur il-Missjoni u jmut martri.
- Fl-1221, daħal mal-Franġiskani Minuri u ħa l-isem ta' Anton. Fil-ħarifa tal-istess sena telaq lejn il-Marokk. Hemmhekk marad, u wara ftit xhur kellu

jirritorna lejn pajjiżu, iżda billi l-vapur li kien fuqu ltaqa' ma' tempesta, flok il-Portugall sab ruhu Sqallija ġo Messina.

- ❖ Minn Messina mar Assisi fejn kellu jiltaqa' l-Kapitlu Ġenerali, hawn ra u sema' lil San Franġisk. Minn hemm mar Montepaulo mal-Provinċjal fejn għex ħajja ta' ġabra. Darba minnhom ġie mitlub biex jagħmel kelmtejn fil-Katidral ta' Forli, u tant ipprietka tajjeb li wara, il-Provinċjal talbu biex jagħti ruħu għall-prietki.
- ❖ Hekk għamel, filwaqt li baqa' jistudja u ħa d-Dottorat fil-Teoloġija.
- ❖ San Franġisk sema' b'għerfu u ħatru biex jgħallem it-teoloġija lill-patrijiet sħabu.
- ❖ Għamel ħafna ġiri jipprietka fl-Italja, fi Spanja u fi Franza. Fl-1224 kien gwardjan u fl-1226 ġie maħtur ministru provinċjal. Fl-1228 mar Ruma fuq xogħol tal-ordni. Hemm ipprietka quddiem il-Papa Girgor IX, li sejjaħlu *"Arka tat-testment u moħba tal-Iskrittura".*
- ❖ Fl-1230, fuq talba tiegħu biex ikompli jipprietka, ġie meħlus mill-uffiċċju ta' Ministru, u mar fil-kunvent ta' Padova, li kien bena hu nnifsu.
- ❖ Hawn ħadem bla heda speċjalment għall-fqar, li sal-lum għadna nisimgħu bil-*"ħobż ta' San Antnin".*
- ❖ Fil-prietki tar-Randan ta' dik is-sena, il-folla ta' nies li marret tisimgħu laħqet it-30,000.
- ❖ Miet meta kellu 40 sena, fit-13 ta' Ġunju, 1231. Ħdax-il xahar wara, il-Papa Girgot IX ddikjarah qaddis. Fl-1946, il-Papa Piju XII pproklamah duttur tal-knisja. Sant'Antnin hu meqjum ħafna fil-bażilika li bnewlu l-Franġiskani Konventwali f'Padova, fejn hemm mill-fdal tiegħu.

**Riflessjoni:**

Aħna li aħna mwelldin minn Alla fil-grazzja ma għandniex nagħmlu dnub għax hemm iż-żerriegħa tal-grazzja ġo fina. Hemm bżonn li nżommu ħajjitna 'l bogħod mid-dnub iżda kull darba li naqgħu nqumu mill-ġdid għat-tgħanniqa ta' wlied Alla fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Emmen u ifhem il-grazzja ta' wlied Alla.

Mitt Minuta mal-Mulej, Fr. Charles Fenech

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 135, it-2 punt**

*St. Anthony of Padua had such a great zeal for religion and for making God known to the infidels and such a great desire for martyrdom that when he saw five of Saint Francis' friars go off to preach the Gospel to the Moors and heard later that they had been martyred, the desire to imitate them, not only in their preaching but also in their martyrdom, led him to plan to enter the Order of Saint Francis. No sooner had he finished his novitiate than he obtained permission to go to Africa to labor for the conversion of infidels.*

*You are obliged in your work to teach the truths of faith to your disciples and to instruct them in their religion. To fulfill well this duty, you ought to consecrate yourself entirely and even, if necessary, to give your life. Is this how you act? Do you have this generous disposition?*

**TALBA**



*Nitolbuk, Mulej Alla wieħed u tlieta,*
*li r-ruħ li inti ħlaqt tasal għandek*
*qawwija u sħiħa*
*f'dak l-aħħar jum ta' hemm u ta' nar,*
*xħin jinqasam il-ħabel fiddien, ilqagħaha,*
*biex ħielsa min-nases tal-ħażen,*
*tiġi għandek bil-ħelsien u l-glorja ta' wlied Alla,*
*bil-għajnuna tiegħek stess,*
*Alla wieħed u tlieta,*
*li int imbierek għal dejjem*
*Ammen.*

Sant'Antnin ta' Padova

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 14 ta' Ġunju**

San Eliżew – profeta

San Metodju – raħeb

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1Slaten 19: 19-21 | Elija xeħet fuq Eliżew il-mantell tiegħu, u dan beda jservih. |
| 2. Salm 15: 1,2a,5,7-10 | Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-risq tiegħi. |
| 3. Mattew 5: 33-37 | Jiena ngħidilkom biex ma taħilfu xejn. |

**SAN METODJU († 847) - raħeb**

- Dan il-qaddis kien l-ewwel wieħed biex jiċċelebra l-festa tal-Ortodossija, solennità miżmuma fil-liturġija Biżantina fl-ewwel Ħadd tar-Randan biex iġib 'il quddiem il-qima lejn ix-xbihat imqaddsa (ikoni) ta' Kristu u tal-qaddisin. It-tieni Konċilju ta' Niċea (787) kien iddistingwa b'mod ċar bejn il-qima lejn ix-xbihat u l-vera adorazzjoni riservata biss lil Alla. Il-konċilju ddefenda l-prattika li jinxtegħlu xemgħa u li jinħaraq l-inċens quddiem l-ikoni tal-qaddisin, u għamilha ċara li l-unur mogħti lix-xbiha hi filfatt realment mogħtija lill-persunaġġ li hija tirrappreżenta.
- San Metodju twieled fi Sqallija, imma meta kien żagħżugħ mar Kostantinopli jfittex impjieg fil-qorti imperjali. Iżda raħeb ipperswadieh biex jagħżel il-ħajja monastika, u daħal fil-monasteru ta' Chenolakhos.
- Kien iżomm mal-Isqof S. Niċeforu matul it-tieni persekuzzjoni mqajma minn dawk li kienu kontra l-qima tax-xbihat (imsejħin ikonoklasti). Huwa għalhekk

kellu jgħaddi 7 snin bi ftit ikel f'ħabs maħmuġ. Lill-Imperatur Teofilu li kien iżomm mal-Ikonoklasti, qallu: "*Ġaladarba xbiha hija hekk bla valur quddiem għajnejk, kif inhi li, waqt li inti tikkundanna x-xbiha ta' Kristu, inti wkoll ma tikkundannax il-qima li tingħata x-xbihat tiegħek? Minflok, inti kontinwament tħabrek li jsiru aktar minnhom*."

- Metodju sar patrijarka ta' Kostantinopli mal-mewt tal-aħħar ikonoklasta, imma ma tantx dam f'dil-kariga għax miet erba' snin wara, fl-14 ta' Jannar 847.
- Kiteb ħafna, u speċjalment ħajjiet ta' diversi qaddisin tal-ewwel żmien tal-Knisja.

**Riflessjoni:**

L-ispirti ħżiena joqogħdu għall-kelma tiegħu, ilkoll kemm aħna nsibu kenn fil-kelma tiegħu. Iżda kemm inġibu gwaj bi jdejna meta nwarrbu l-kelma ta' Alla u ngħixu ħajjitna esposti għall-ispirti ħżiena. Mitt Minuta mal-Mulej, Fr. Charles Fenech

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 99; it-3 punt**

*Although God had begun to enlighten Saint Paul by an extraordinary light and had called him by a miraculous voice, he did not yet want to make known his divine will to him. He sent Paul to Ananias, to whom he had revealed what he wanted Paul to do; he wanted Ananias to speak to Paul in God's name.*

*This is how God wishes you to act when he inspires you with something good to do. By these lights from heaven, he simply wants you to understand that he is asking you to do something that you are not doing, but he does not wish you to proceed on your own, guided solely by these lights from heaven. He wants you to have recourse to your Director and to your Superior, whom he takes care to instruct and has charged to inform you of what you must do. Never trust your own inspirations or those that seem to come from God; explain them to those who guide you, and submit to their advice.*

**TALBA**



*Mulej Ġesù,*
*għinni nġorr dan l-isem bil-ferħ,*
*dan l-isem li jkellimni fuqi.*
*Ħa jkun kuljum sinjal ta' onestà u ta' paċi.*
*Għin lil dawk kollha li fid-dinja qegħdin*
*ibatu u jmutu minħabba dan l-isem.*
*Meta għax jaqbilli*
*jew għax nibża' minn xi ġudizzju fuqi,*
*iġegħelni 'ninsih', agħtini l-qawwa tiegħek.*
*Għallimni biex jitrawmu l-għeruq*
*ta' ismek fija u tiegħi fik.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, 15 ta’ Ġunju**
**It-Trinità Qaddisa – Solennità**



*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Eżodu 34: 4b-6,8,9 | Il-Mulej hu Alla li jagħder u jħenn. |
| 2. Salm Danjel 3: 52-56 | Ta’ min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem. |
| 3. 2Korintin 13: 11-13 | Il-grazzja ta’ Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta’ Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu. |
| 4. Ġwanni 3: 16-18 | Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Għandu raġun il-profeta ta’ żmienna, Ernesto Balducci jgħid li “kważi tant hi preokkupata l-Knisja li twassal tgħalim tajjeb li wara li tiċċelebra l-Pentekoste, tipproponilna bħal kieku biex tfakkarna fil-misteru tas-salvazzjoni, ċ-ċelebrazzjoni ta’ Alla bħala Missier, Iben u Spirtu s-Santu, bil-ħsieb li tfakkarna li aħna poplu miġbur fiż-żmien u fl-ispazju ta’ azzjoni waħda u fl-istess ħin ikatar minn waħda ta’ Alla Missier, Iben u Spirtu s-Santu.”
- Imma anke hekk, meta nippruvaw nitkellmu dwar Alla, d-diskors tagħna jkun mħawwad u iżjed ma nippruvaw nidħlu fil-fond tal-misteru iktar insibu ruħna mgħaddsin ġoċ-ċpar tal-injoranza kif ġara lil Mose’ fuq is-Sinaj. Biex nifhmu xi ħaġa minn dan il-misteru nieħdu l-ewwel qari ta’ llum. Waqt li kien fiċ-ċpar, Mose’ jirċievi t-twavel tal-liġi u jisma’ l-kelma li Alla jgħidlu.
- Qiegħdin ngħixu fi żmien fejn is-skiet anzi l-indifferenza dwar Alla jakkumpanjaw il-ħafna diskorsi kuntrarji u t-tpaċpiċ fil-vojt dwaru, l-attakki bla raġuni kontrih anke, minħabba l-ħafna filosofiji u twemmin mhumiex kristjani u tradizzjonali, li nibtu fostna. Dan kollu mhux talli joħloq konfużjoni sħiħa imma jġib speċi ta’ saturazzjoni li maż-żmien toħloq indifferenza u tapprova kull stramberija.
- F’dan l-istat li ninsabu fih, irridu niftakru li l-Mulej fuq is-sinaj jirrivela ruħu moħbi ġoċ-ċpar, jekk Alla jinħeba hu sabiex ma naqgħux fit-tentazzjoni li nitkellmu dwaru waqt li nevitaw li nitkellmu miegħu u nisimgħuh fit-talb; hu sabiex niġġieldu bil-forzi tagħhna kollha t-tendenza idolatrika u perikoluża li nagħmlu xbiha personali ta’ Alla, li taqdina fil-gosti u l-idejat tagħna kollha tant li “jekk hemm Alla ma jistax ikun li ma jaqbilx miegħi.” Fil-fatt jekk Alla qiegħed hemm huwa Hu biss li jista’ jirrivelalna lilu nnifsu, hu propju Hu li jippreżenta ruħu lill-poplu tiegħu "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u fil-fedelta'." Eż 34:6, u hekk f’Ġesù, il-Kelma t’Alla, jippreżenta ruħu fil-Vanġelu: “Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni.” Ġw 3:16.

- Minn ġos-sħaba tal-misteru il-Kelma divina tinżel u tasal sad-dlam tal-ġrajja umana, biex tħabbar l-isbaħ aħbar tad-dinja; li Alla hu imħabba assoluta, mogħtija mingħajr kundizzjoni, hu li jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu. U din l-imħabba mhijiex biss sentiment, jew atteġġament kif jiġri bejnietna: din l-imħabba hi ġrajja vera, saħansitra Persuna, l-Ispirtu s-Santu li jikkomprometti ruħu għalina, jingħata għalina, saħansitra jintilef fina basta ma jitlifniex, basta jirbaħna lura lill-Missier li tant iħobbna li ssiġġilla mħabbtu bid-demm ta' Ibnu l-maħbub li xerred għalina għax ried biex jerġa' jiġborna mit-tixrid.
- Quddiem dan ir-rifjut tal-bniedem li ħaffer abbiss fond bejnu u bejn is-salvazzjoni tiegħu, Alla ta lil Ibnu lid-dinja li wieġbet għal din l-għotja b'xettiċiżmu u rifjut sal-punt li qatlitu fuq salib; imma din it-traġedja ma fixklitx il-pjan tas-salvazzjoni divina, anzi serviet biex twettqu. Lill-individwi u lill-komunitajiet li jemmnu, li minn ġos-sħaba tal-fidi jilqgħu b'fiduċja l-kelma t'Alla li hi Ġesù ibnu l-maħbub, il-Missier – bħal ma għamel ma Mose fuq is-sinaj – jagħti t-twavel tal-liġi l-ġdida b'rigal, li jibdel l-għaxra ta' qabel fl-uniku kmandament tal-imħabba t'Alla u tal-proxxmu. Mill-bqija x'tista' tikkmandana l-imħabba jekk mhux li nħobbu b'qalban kollha, b'ruħna kollha u bil-qawwa kollha? Jekk mhux li nħobbu lill-oħrajn bħalna nfusna?
- Rigal sabiħ immens, dan ta' Alla, imma forsi impenjattiv wisq għal nies bħalna li lanqas nafu nħobbu lilna nfusna! Biex ifiehemna Alla m'għadux jikteb il-liġi fuq twavel tal-ġebel imma direttament fil-qalb tal-laħam tagħna: hemmhekk is-seba t'Alla, l-Ispirtu s-Santu, inaqqax ix-xbieha ta' Ġesù mudell tal-umanita, u jagħmel il-ħolqien ġdid, is-sema ġdida u l-art ġdida possibbli.

*Minn La Realta e' Cristo, Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 50, l-1 punt**

*You are the ones whom the Eternal Father today invites to his banquet in order to receive his Son, Jesus Christ, in the Eucharist. Worldly people excuse themselves from attending. One says that he has bought a farm and must therefore go out and inspect it; another wishes to test five yoke of oxen that he has acquired; a third says that he is married. Some excuse themselves because of their business; others, because of the pleasures they want to enjoy. Both prefer their affairs and their personal satisfaction to the practices of piety and of religion, and especially to the greatest honor they can ever enjoy on earth—and which ought to be supremely agreeable to them in this world—namely, to receive Jesus Christ in the Eucharist.*
*Deplore the blindness of those who live in the world and who follow worldly maxims. They prefer temporal advantages to sharing in this most delightful food, which is Jesus Christ, who by coming to them, makes them participants in the divinity.*

**TALBA**



*Ħa trodd ħajr, kull ħlieqa fis-sema, fuq l-art,*
*fil-baħar u fil-qiegħan ta' l-art, tifħir, glorja, ġieħ u barka*
*lil Dak li bata daqstant għalina,*
*u li tana u li ser jibqa' jagħtina*
*ġid daqshekk kotran għal li gej.*
*Għax il-Mulej hu l-qawwa u s-saħħa tagħna,*
*Hu li waħdu hu tajjeb, l-aktar gholi, li jista' kollox,*
*tal-għaġeb u glorjuz, li hu qaddis, jistħoqqlu t-tifħir u mbierek*
*tul kemm idumu ż-żmienijiet. Amenn.*

San Franġisk t'Assisi

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 16 ta' Ġunju**

S. Ġwann Franġisk Regis - saċerdot. (1597-1640)
Santa Ludgarda (1182-1246).
Beati Aniċet Koplin - presbiteru u sħabu, martri tal-persekuzzjoni nazista
Beatu Ġwann minn Parma - presbiteru

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. 1Slaten 21: 1-16 Nabot ġie mħaġġar u miet.
2. Salm 5: 2,3,5-7 Mulej, agħti kas tat-tnehid tiegħi.
3. Mattew 5: 38-42 Jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux.

**SAN ĠWANN FRANĠISK REGIS (1597-1640) - saċerdot**

- Kien ġej minn familja nobbli tal-Languédoc (Franza) fejn twieled fl-1597. Studja fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Beziers, u ta' 19-il sena daħal magħhom. Qaddes ta' 33 (1630) u sena wara beda l-ħidma tiegħu missjunarja fix-xlokk ta' Franza.
- Kien jaħdem bla mistrieħ. Darba qagħad ġurnata sħiħa fuq gozz borra fuq muntanja jipprietka u mbagħad għadda lejl sħiħ iqarar. Darba waqa' waqt vjaġġ u kiser siequ iżda bl-għajnuna ta' bastun u mistrieħ fuq spalla ta' sieħbu rnexxielu jasal sal-konfessjonarju. Wara x-xogħol tal-jum instab li siequ kienet imfejqa.
- Kien ħsiebu biex jgħin lill-foqra. Kellu kamartu mimlija ħwejjeġ, għamara u mbarazz ieħor li kien jiġbor għalihom. Fost il-penitenti tiegħu f'Le Puy organizza programm soċjali li kien jinkludi żjarat fil-ħabsijiet, kura tal-morda,

tqassim ta' qamħ lill-foqra, u kenn għan-nisa. Il-poplu kien isibu bħala "l-qaddis".

- Fid-disa' snin u nofs bħala qassis għamel aktar minn kulħadd fil-kontro-riforma biex iqajjem il-fidi fl-inħawi ta' Viviers u Le Puy.
- Fl-aħħar erba' xhur ta' ħajtu jingħad li qarar mal-10,000 ruħ. Għal żmien twil xtaq li jinbagħat il-Kanada biex jikkonverti l-Indios, imma l-art tal-missjoni tiegħu kienet pajjiżu.
- Huwa miet bl-iplewrite waqt missjoni li kien qiegħed jagħmel. Kellu 43 sena.
- Il-qabar tiegħu f'Louvesc sar ċentru ta' pellegrinaġġi. Il-Kurat t'Ars jattribwixxi lil dan il-qaddis it-twettiq tal-vokazzjoni tiegħu għas-saċerdozju.

**Riflessjoni: L-ISPIRTU TA' FIDI U L-EFFETTI TIEGĦU**

1. LI MA TĦARES LEJN XEJN JEKK MHUX BL-GĦAJNEJN TAL-FIDI.
2. LI MA TAGĦMEL XEJN JEKK MHUX GĦAL ALLA.
3. LI TQIS KOLLOX BĦALA ĠEJ MINN ALLA.

L-ISPIRTU TA' FIDI HUWA SPIRTU LI F'KOLLOX JIRREGOLA RUĦU LI JIMXI FUQ IL-MASSIMI U S-SENTIMENTI MEĦUDIN MILL-ISKRITTURA

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 120, silta mit-3 punt**

*Be ready to endure injuries, outrages, and calumnies in return for all the good you have tried to do for others. This is the main reward that God promises in this world and often the only one we receive from the poor in compensation for the good we do for them. Prepare your heart to accept these trials with love.*



**TALBA**

*O Alla,*
*bl-umiltà nitolbuk*
*taħfrilna d-dnubiet li għamilna.*
*Agħmel li ma nerġgħux nersqu lejn il-ħażen,*
*u agħtina l-għajnuna*
*biex naħfru minn qalbna lil ħutna,*
*u niksbu l-premju tas-sebħ fejn int tgħammar.*
*Int jistħoqqlok it-tifħir għal dejjem.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 17 ta' Ġunju**
Santa Emilja de Vialar
San Albert Adam Chmielowski - reliġjuż
San Girgor Barbarigo - kardinal

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1Slaten 21: 17-29 | Waqqajt lil Iżrael fid-dnub. |
| 2. Salm 50: 3-6a,11,16 | Ħenn għalina, o Alla fi tjubitek. |
| 3. Mattew 5: 43-48 | Ħobbu lill-għedewwa tagħkom. |

**SAN GIRGOR BARBARIGO (1625-1697) – kardinal**

- ❖ Kien mill-familja nobbli ta' Barbarigo, qarib tal-Venerabbli Marcantonio Barbarigo, kardinal u isqof ta' Montefiascone.
- ❖ Huwa twieled Venezja fis-16 ta' Settembru fl-1625. Missieru kien senatur Venezzjan. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Università ta' Padova, studja l-liġi ċivili u dik kanonika.
- ❖ Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1655.
- ❖ Kien isqof, l-ewwel ta' Bergamo u wara ta' Padova. Il-Papa Alessandru VII (li qabel kien inkwiżitur Malta u li kien ġie kkunsagrat isqof fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta) ħatru kardinal fl-1660.
- ❖ Kien bniedem ta' karitajiet kbar mal-foqra, irriforma s-seminarji taż-żewġ djoċesijiet li tagħhom kien isqof, ħadem ħafna għall-għaqda tax-Xiżmatiċi tal-Lvant mal-Knisja Kattolika.
- ❖ Waqqaf stamperija fejn ħarġu kitbiet bil-Grieg, Ebrajk, Sirjan, Persjan u Slavoniku għall-insara tal-Orjent, u għal dawk taħt il-Misilmin, u librerija mill-aqwa, tant li, minħabba kemm wettaq tajjeb ir-riformi ordnati mill-Konċilju ta' Trentu, bdew isejħulu t-tieni Santu Karlu Borromeo.
- ❖ Miet Padova fis-17 ta' Ġunju 1697, u l-fdal tiegħu jinsab meqjum fil-Katidral ta' Padova.
- ❖ San Ġwanni XXIII, Papa li sa minn meta kien għadu seminarista kellu lejh devozzjoni kbira, mar jgħoddu mal-qaddisin nhar Lapsi, fis-26 ta' Mejju 1960.

**Riflessjoni: Il-Missierna**
"*Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina*." Wara l-għajnuna tal-ikel, nitolbu l-maħfra għal ħtijietna.
Jaqblilna u jiswielna, anzi jeħtieġ li nitfakru li aħna midinbin, biex hekk nitolbu maħfra għal dnubietna, ħalli, aħna u nitolbu ħniena lil Alla, nintebħu f'liema qagħda tinsab il-kuxjenza tagħna. Għandna nitolbu kuljum maħfra għal dnubietna biex hekk nitgħallmu u nkunu nafu li nidinbu kuljum: b'hekk ma jiġrix li naħsbu li aħna xi nies

bla ħtija, u għalhekk nitkabbru bina nfusna u naslu biex nintilfu aktar malajr.

San Ċiprijanu – isqof martri

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 44, silta mit-2 punt**

*Only the Spirit of God can give us a correct understanding of these maxims of the Gospel and inspire us to put them into practice, because they are above the level of the human spirit. How, indeed, can we ever realize that blessed are the poor, that we must love those who hate us and rejoice when we are calumniated and when people say all sorts of evil against us, that we must return good for evil, and so many other truths entirely contrary to what nature suggests, unless the Spirit of God teaches them to us?*

**TALBA**



*Agħtini llum il-ħobż ta' kuljum ...*
*Il-ħobż tat-tama, biex nagħti t-tama.*
*Il-ħobż tal-ferħ, biex dan jiena nqassmu.*
*Il-ħobż tad-dehen, biex negħleb l-impossibli.*
*Il-ħobż tat-tbissim, biex inwasslu lill-oħrajn.*
*Il-ħobż tal-ħniena, biex naħfer u jaħfruli.*
*Il-ħobż tan-niket, biex naqsmu ma' ħaddieħor.*
*Il-ħobż tal-grazzja, biex ma neħilx mal-ħażen.*
*Il-ħobż tal-imħabba bejn l-aħwa, biex insir ħaġa waħda ma' ħuti.*
*Il-ħobż taż-żmien biex nagħarfek.*
*Il-ħobż tas-skiet biex inħobbok.*
*Ammen.*

Ernesto Olivero

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 18 ta' Ġunju**
**L-Ewwel Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**
San Nikandru u San Marċjanu – martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 2Slaten 2: 1,6-14 | Deher karru tan-nar u Elija tela' s-sema. |
| 2. Salm 30: 20,21,24 | Issaħħu u qawwu qalbkom, intom ilkoll li tittamaw fil-Mulej. |
| 3. Mattew 6: 1-6,16-18 | Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu. |

**SAN NIKANDRU U SAN MARĊJANU - martri**

- Kienu suldati fl-armata Rumana. Meta qraw l-edittu maħruġ kontra l-insara, ħallew l-armata u kull tama ta' unuri u ta' ġid. Dan ġie magħdud bħala delitt kontrihom.
- Arrestawhom bħala nsara u ħaduhom quddiem Massimu, gvernatur tal-provinċja, li ordnalhom sabiex joffru l-inċens lill-allat pagani, skont kif kien ordna l-imperatur. It-tnejn wieġbu li ma jistgħux u li kienu lesti biex jagħtu ħajjithom sabiex iżommu safja l-fidi tagħhom. Xeħtuhom ġo ħabs u wara għoxrin jum reġgħu sejħulhom quddiem il-gvernatur.
- Billi baqgħu jżommu iebes fil-fehma tagħhom, il-gvernatur ikkundannahom biex jaqtgħulhom rashom. Sofriet il-ħabs magħhom ukoll Darja, mart Nikandru, għax qawwietilhom qalbhom biex ma jċedux, iżda wara ġiet meħlusa għax l-editt tal-imperatur kien għas-suldati biss.
- Ma nafux sewwa fejn u meta l-qaddisin sofrew il-martirju. X'aktarx kien fil-Mesja (Illirja), taħt is-saltna ta' Dijoklezjanu, madwar it-303. Iżda oħrajn jgħidu li l-martirju sar Venafro, f'dak li qabel il-għaqda tal-Italja, kien ir-renju ta' Napli.
- Meta marru lejn il-post tal-qatla, bdew ifaħħru 'l Alla bil-gawdju.
- Darja mxiet wara Nikandru, bit-tifel żgħir tagħhom fuq dirgħajha; waqt li mart Marċjanu bil-maqlub, flimkien ma' qrabatha pagani bħalha bdiet tibki u titolbu biex iċedi u bdiet tippreżentalu t-tarbija tiegħu ħalli jġiblu ħniena. Iżda Marċjanu beda joħodha magħha, talab lil Żotiku, nisrani mħeġġeġ, biex iżżommha u wara li għannaqha talabha biex twarrab la ma kellhiex kuraġġ tarah imut.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 207, silta mill-1 punt**

*God is so good that he does not leave unrewarded the good work that is done for him and the service that is rendered to him, especially for the salvation of souls. If it is true that God rewards so generously even in this world those who have left all things for him, that they receive a hundredfold in this life, with how much more reason will God reward even in this present time those who have devoted themselves with zeal to spread his kingdom!*

*To reward so great a good work and a service that he regards so highly, God gives two kinds of reward in this world to those who commit themselves untiringly to the work of the salvation of souls. First, he gives them an abundance of grace; second, he gives them a more extended ministry and a greater ability to procure the conversion of souls.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Aqra: Luqa 9: 23-26)**

X'inhi l-verità għalija? Li tiċħad lilek innifsek, terfa' s-salib tiegħek ta' kuljum u dawn iwassluna għal ħajja ta' dejjem! Dan għalija hu raġunament li mhux raġonevoli, u anzi jmur kontra s-sentimenti tiegħi ta' persuna umana.

Safrattant dan hu preċiżament dak li Ġesù qed jipproponilna: billi nagħarfu li meta aħna qed niċħdu lilna nfusna, inkunu qed nidentifikaw dak li hemm falz fina nfusna – l-egoiżmu: *"jiġifieri li nwarrbu dik il-ħajja ta' qabel u ninżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa"* (Efesin 4:22) u neħles minnhom u nħalli l-Ispirtu s-Santu joħloqni mill-ġdid.

**Nota:** Ir-riflessjonijiet kollha għal din in-novena huma ta' Br. Louis Camilleri



**TALBA**

*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*Agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna,*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju**
**It-Tieni Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**
San Romwaldu - abbati
Beatu Girlandi – reliġjuż
Santa Ġuljana Falconieri (1270-1341).

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. BinSirak 48: 1-14 | Elija nħataf minn riefnu u Eliżew imtela bl-ispirtu tiegħu. |
| 2. Salm 96: 1-7,12a | Ifirħu, ġusti, fil-Mulej. |
| 3. Mattew 6: 7-15 | Mela itolbu hekk. |

**SAN ROMWALDU (c. 952-1027)**

- Romwaldu kien ġej minn familja dukali ta' Ravenna. Minkejja li kien iħoss ġo fih xewqa għall-ħajja qaddisa, iż-żgħożija tiegħu kienet moħlija fis-servizz tad-dinja u l-pjaċiri tagħha.

- ❖ Jum minnhom missieru Serġju riedu jkun preżenti għal dwell ma' raġel qarib tiegħu minħabba xi proprjetà, u ra 'l missieru joqtol lill-avversarju tiegħu. Romwaldu, biex ipatti għad-delitt ta' missieru, qatagħha li jidħol fl-abbazija ta' Sant'Apollinare in Classe, f'Ravenna. Kellu dik il-ħabta 20 sena.
- ❖ Wara biss tliet snin qala' l-permess biex jgħix ħajja aktar solitarja, u malajr beda l-karriera tiegħu bħala riformatur tal-eremiti, iwaqqaf eremitaġġi u monasteri fl-Italja. Kullimkien kien iħeġġeġ għat-talb kontemplattiv bil-formula: Solitudni, silenzju u sawm. Kien jagħti ħafna pariri sodi, ikkompona *Kummentarju fuq is-Salmi* u kien iħabbar ukoll il-ġejjieni.
- ❖ Imxennaq li jipprietka u jieħu l-martirju kiseb ukoll il-permess tal-Papa li jmur ixandar il-vanġelu fl-Ungerija, imma kellu jirritorna minħabba saħħtu.
- ❖ Erba' snin qabel mewtu waqqaf l-eremitaġġi ta' Camaldoli qrib Arezzo, fuq il-muntanji tat-Toskana għoljin 3,200 pied. Magħqud ma' dawn, għalkemm imbiegħed xi żewġ mili u elf pied inqas għoli, kien hemm monasteru taċ-ċenobiti, li kien iħarreġ in-novizzi, jieħu ħsieb il-morda, ix-xjuħ u l-mistednin u jmexxi l-affarijiet finanzjarji u legali. Ir-regola tal-Kamaldoliżi hi mibnija fuq dik ta' S. Benedittu modifikata, tgħaqqad fiha l-ħajja ċenobitika u eremitika.
- ❖ San Romwaldu miet ta' madwar 75 sena fid-19 ta' Ġunju 1027.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 36, silta mill-1 punt**
*Ask, and you will receive. By these words in today's Gospel, Jesus Christ wishes to make known to us that because we need to receive his graces, we must ask him for them; also, that because God wants to give us his graces, he has provided us with a sure means to obtain them, namely, prayer.*
*This is all the easier for us, because God is always present to us, and whenever we wish to do so, we can turn to God. This led Saint Augustine, to make clear to us how easy it is for us to do good, to say, If you are powerless to act, whether because of your weakness, the violence of temptation, or any other reason, you must turn to prayer, which will infallibly give you the power to accomplish what is beyond your natural strength.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Aqra: Luqa 15: 20-24)**
Għal Ġesù, Alla l-Missier, huwa Alla li jirrispetta l-libertà tal-bniedem, jistennieh meta jitbiegħed minnu, jifraħ meta jerġa' lura, ma jċanfrux. Għal kuntrarju joffrilu aktar milli jitolbu u jistiednu biex jifraħ miegħu. Iva nemmen f'Alla li hu Missier. Nemmen li jieħu pjaċir meta mmur lura għandu.
Qalb ta' Ġesù, il-qalb t'Alla għandek biex lili tħobbni tant li tajtni ġismek u demmek bħal ikel u xorb.



**TALBA**

*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*Agħmel li din il-qalb, għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna,*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju**
**It-Tielet Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**
Beata Mikelina ta' Pesaro
Beatu Patrizju u sħabu - martri
San Silverju - papa

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. 2Slaten 11: 1-4,9-18,20 — Dilku lil Ġowas u bdew jgħajtu "viva s-sultan!".
2. Salm 131: 11-14,17,18 — Il-Mulej għażel 'il Sijon id-dar tiegħu.
3. Mattew 6: 19-23 — Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll.

**SAN SILVERJU PAPA (+537) - martri**

- Dan il-qaddis twieled fi Frosinone fl-Italja. Missieru kien il-Papa San Ormisda, li kien miżżewweġ qabel ma rċieva l-Ordni Sagri. Hu l-uniku każ fl-istorja fejn missier u ibnu kienu papiet u qaddisin.
- Silverju kien għadu suddjaknu meta laħaq Papa wara l-mewt ta' San Agapitu I f'Kostantinopli. Il-pontifikat tiegħu kien qasir, b'kollox 16-il xahar (536-537), u kien fi żmien meta Ruma kienet amministrata mill-Goti, imma ftit wara l-qawwiet Bizantini tal-Imperatur Ġustinjanu okkupaw il-belt.
- Teodora, imperatriċi ta' Kostantinopli, talbet lill-Papa Silverju li jerġa' jqiegħed bħala isqof lil Antimo li kien imneħħi mis-setgħa mill-Papa Agapitu għax kien iżomm mal-eretiku Ewtike li kien jiċħad in-natura umana fi Kristu. Billi Silverju ma setax jilqa' t-talba tagħha Teodora ppruvat tqiegħed lil Viġilju, arċidjaknu tal-Knisja ta' Ruma bħala Papa bit-tama li dan jikkundanna l-Konċilju ta' Kalċedonja li kien ħadha kontra t-tagħlim ta' Ewtike.

- Bl-intriċċi ta’ Teodora, Silverju kien eżiljat f’Patara fl-Asja ż-Żgħira. L-isqof ta’ Patara għaraf sewwa l-innoċenza ta’ Silverju u għarraf lil Ġustinjanu, l-imperatur ta’ Kostantinopli, bil-fatti kollha. L-imperatur ordna li Silverju jintbagħat lura biex il-każ tiegħu jerġa’ jiġi studjat, imma kif il-Papa wasal Napli, kien maħtuf min-nies tar-re Belisarju u mitfugħ fuq il-gżira Palmarola fil-bajja ta’ Napli.
- Nieqes mill-ikel u mifni bil-bard u l-maltrattamenti, San Silverju Papa radd ruħu lill-Mulej fis-sena 537.
- Il-fdal tiegħu, midfun fil-Bażilika Vatikana, sar famuż għall-mirakli li seħħew bl-interċessjoni tiegħu.

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 58, l-1 punt**

*Jesus Christ tells his holy Apostles that unless their virtue surpasses that of the Pharisees, they will not enter the kingdom of heaven. Apply these words to you. Be convinced that Jesus Christ is addressing them to you, that if you do not have more virtue than people in the world, you will be more liable to condemnation than they will be on the day of judgment.*

*People of the world, like the Pharisees, are satisfied with observing the external and outward practices of religion. They go to Mass, listen to sermons, and sometimes follow the Divine Office, but they do all these things and a number of others without any interior spirit.*

*You, who gave yourself to God and, consequently, ought to consecrate to God every moment of your life, must do everything in a spirit of religion without being content to do only what is exterior in the duties of your state. Even if people are satisfied with what is external in actions, God, who looks into the heart, will not put any value on them.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù (Aqra: Mark 10: 46-52)**

In-nies iridu jsikktu lil Bartilmew għax l-għajjat tiegħu qed idejjaqhom – għax l-għajta ma’ intgħoġbotx; imma mhux dejjem possibli ssikket wieħed li qed ibati meta qed jgħajjat għall-għajnuna. Imma Bartilmew baqa’ jgħajjat tant li fl-aħħar Ġesù sema’ l-għajta tiegħu – anzi ried jisma’ l-għajta tiegħu aktar mill-qrib. Sejħulu! U Ġesù esprima ruħu, b’kelma tant sabiħa li tgħodd għal kull persuna: żgħira u kbira. U Ġesù qallu: “Xi tridni nagħmillek?”

Ġesù jirrispetta l-libertà tiegħi u qed isejjaħli ... Jekk isejjaħli għax jixtieq jagħmilli xi ħaġa tajba: Ġesù lili wkoll jgħidli: *“Mur, il-fidi tiegħek fejqitek.”* Ġesù grazzi għal dik il-qalb hekk kbira tiegħek.



**TALBA**

*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna,*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 21 ta' Ġunju**
**Ir-Raba' Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**
San Alwiġi Gonzaga - reliġjuż

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 2Kronaki 24: 17-25 | Qatlu lil Żakkarija bejn is-santwarju u l-altar. |
| 2. Salm 88: 4,5,29,34 | It-tjieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem. |
| 3. Mattew 6: 24-34 | Toqogħdux tħabblu raskom għall-għada. |

**SAN ALWIĠI GONZAGA (1568-1591) – reliġjuż**

- Kemm min-naħa ta' missieru, Ferdinandu de Conzaga, markiż ta' Castiglione, kif ukoll min-naħa ta' ommu, Marta de Tana Santena, Lwiġi kien qarib mad-dinastija renjanti ta' Mantova .
- Il-qaddis twieled fil-kastell ta' Castiglione, qrib Brescia, fid-9 ta' Marzu 1568. Ommu xtaqitu jħaddan il-karriera ekkleżjastika; missieru, iżda, kien ried li jagħtih karriera militari, u meta Lwiġi kien għad kellu erba' snin, riedhom ilibbsuh libsa ta' suldat u bagħatu jitħallat mat-truppi li hu kien qed iħarreġ għar-re ta' Spanja. It-tifel tgħallem xi kelma mhux xierqa li s-suldati kienu jużaw bejniethom u, talli darba qalha, ma ried jaħfirha qatt lilu nnifsu. Kien dan il-

perjodu li hu kien isejjaħ "il-ħajja tiegħi fid-dnub" u ntemmet b'dik li hu jsejjaħ "konverżjoni" meta kellu seba' snin.

- Fl-1577, Lwiġi kien mibgħut ma' ħuh Ridolfo biex jgħaddi sentejn fil-qorti ta' Francesco dei Medici f'Firenze. Iżda billi ħsibijietu kienu diġà mogħtija għall-ħwejjeġ tar-ruħ, huwa għamel vot ta' kastità perpetwa quddiem ix-xbieha tal-Lunzjata.
- Minn Firenze ntbagħat f'Mantova, u hemm kompla jaħqar lilu nnifsu bid-dixxiplina u bis-sawm, determinat li jirbaħ il-karattru furjuż tiegħu u d-drawwa li jikkritika 'l-oħrajn. Ta' tnax-il sena rċieva l-Ewwel Tqarbina minn idejn San Karlu Borromeo li kien arċisqof ta' Milan.
- Mhux żmien wisq wara dan, Lwiġi qatagħha li jirrinunzja t-titlu u jsir reliġjuż. Imma f'din il-ħaġa sab oppożizzjoni qawwija minn missieru, u kellu jistenna tliet snin ta' provi qawwija sakemm qala' l-permess tiegħu.
- Sadanittant kien mibgħut għal sentejn bħala paġġ ta' unur fil-qorti ta' Filippu II ta' Spanja, u wara kien imġiegħel iżur id-Duki u l-Prinċpijiet tal-Italja ta' Fuq.
- Dan kollu sar bil-ħsieb li tiġi sfrattata l-fehma tiegħu, imma kollu kien ta' xejn. Fl-aħħar, qrib it-tmiem tal-1585, meta kellu 17-il sena, seta' jitlaq għal Ruma biex jibda n-novizzjat mal-Ġiżwiti.
- Lwiġi kien diġà żviluppa l-ħajja tiegħu ta' talb u ta' għaqda kontinwa ma' Alla u kien qala' l-grazzja li jagħmel siegħa meditazzjoni kuljum bla distrazzjoni ta' xejn. Il-virtù li għaliha issa kien sar magħruf kienet l-ubbidjenza lejn is-superjuri tiegħu u dil-konformità mar-rieda ta' Alla ġiebet f'ruħu paċi kbira li kienet dejjem tidher minn barra.
- Ta' 22 sena kien mgħarraf li t-tmiem ta' ħajtu ma kienx wisq il-bogħod. Dan imlieh bil-ferħ.
- Meta fl-1590 fl-Italja waqa' ġuħ kbir u wara anki l-pesta, il-Ġiżwiti fetħu sptar ta' emerġenza u Lwiġi kien imur jittallab il-karità u jdur bil-morda.
- Iżda f'Marzu 1591, huwa wkoll waqa' marid u miet wara tlett xhur ta' sofferenzi kbar li huwa ġarrab b'sabar kbir.
- Miet fil-21 ta' Ġunju 1591 meta kellu ftit aktar minn 23 sena. Kien iddikjarat qaddis fl-1726. Hu qaddis protettur taż-żgħażagħ insara.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med.67, silta mit-2 punt**

*This is why Jesus Christ, when he entrusts the salvation of the world and the establishment of his kingdom on earth to his Apostles, recommends in the same Gospel that they not be anxious, saying, What will we eat? What will we drink? What are we to wear? Such concerns are proper only to pagans. Insofar as they are so disturbed by such things, they show that they have no faith.*

*To give them a convincing proof of this, he says, Look at the birds in the sky. They do not sow or reap; they gather nothing into barns. Consider also the lilies of the field. They neither work nor spin; nevertheless, not even Solomon in all his glory was ever clothed like them.*

*Have you, then, so little faith as to fear that if you accomplish your duty and are devoted entirely to bring about God's reign in your heart and in the hearts of others, God would allow you to lack something necessary for you to live and to be clothed?*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Aqra Ġwanni 6: 51, 53-56)**
... Lil dawk in-nies fid-deżert li kienu ilhom tliet ijiem bla ħobż; offrielhom il-ħobż bl-abundanza u xebbagħhom.
... Lil-lebruż: li ġismu kien jitmermer offrielu l-uniku ħobż li jfejqu.
... Lis-Sammaritana: Ġesù offrielha l-unika ħobż tat-tjubija tiegħu u ssodisfalha l-ġuħ għal biex tħobb.
... Lill-armla ta' Naim: li kellha l-unika iben, li kienu sejrin jidfnuh; offrielha l-ħobż li xtaqet; li binha jerġa' jieħu l-ħajja.
*"Kull min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem".*
Min hu dak il-bniedem li ma jixtieqx jassoċja ruħu ma' Ġesù, meta HU biss jista' jissodisfah? Dik il-qalb hekk kbira, hekk imqaddsa, x'wassalha biex Ġesù ħabbna daqshekk?

**TALBA**



*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna. Ammen.*

**Missierna ...**

## Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju
## Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej
## Il-Ħames Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Dewteronomju 8: 2,3,14-16 | Temgħek il-manna li la int u lanqas missirijietek ma kontu tafu biha. |
| 2. Salm 146 : 12-15,19,20 | Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej. |
| 3. 1Korintin 10: 16,17 | La l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed. |
| 4. Ġwanni 6: 51-58 | Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Il-familjarita li dawn i-żewġ millenji ta' Kristjaneżmu nisslu fina rigward dan il-kliem tar-raba' Vanġelu, tevitalna li niskandalizzaw ruħna kif għamlu n-nies fi żmienu meta' semgħu l-istedina ta' Ġesù biex jieklu ġismu u jixorbu demmu. Minkejja dan xorta nsibu li dan il-kliem jinkwetana xi ftit u jikkkonfermalna li l-Ewkaristija mhix il-mezz l-iktar b'saħħtu biex nagħmlu propoganda għall-fidi. Mhux ta' b'xejn li l-Knisja bikrija, kienet tirriserva t-tagħlim dwarha għal dawk li jkunu diġa tgħammdu; u li l-kriżi attwali tal-Kristjaneżmu timmanifesta ruħha l-iktar fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tal-Ħadd fejn jonqsu n-nies li minkejja dan xorta jgħidu li jemmnu.
- Mhux għax il-kliem ta'Ġesù mhuwiex ċar, anzi ċar iżżejjed, forsi għalhekk isir inaċċettabbli avolja ġej minn xi ħadd li kien għadu kif kattar il-ħobż għal eluf ta' nies u għalhekk seta' jgħid dak li jrid. L-affermazzjonijiet ta' Ġesù, jidhru skandalużi minħabba l-fatt li jippreżenta ruħu bħala l-uniku wieħed li jista' jxebba' 'l-umanita, pellegrina f'dinja li minkejja l-progress, il-ġid materjali, l-kultura, it-tul tal-ħajja, il-konsumiżmu, tibqa' "deżert kbir u jwaħħax, mimli sriep velenużi u skorpjuni; art niexfa bla ilma xejn;" (Dt 8:15) kif naqraw fl-ewwel qari. Il-Mulej jaf li ebda skoperta umana ma tista' ttaffi l-għatx u l-ġuħ qawwi li hemm f'qalb il-bniedem dak li akkost ta' kollox irid jagħti sens lil ħajtu. Prova ta' dan huma dawk in-nies li iktar ma jiddedikaw ħin għas-sodisfazzjoni tax-xewqat tagħhom iżjed jispiċċaw bla sodisfazzjon u jaqgħu f'ansjeta' u dwejjaq. Jikkonfermawħ il-ħafna avventuri taż-żagħżagħ li għal mument ta' eċitament litteralment jarmu ħajjithom fuq it-toroq tagħna.
- Il-Mulej jurina li suppervi kif aħna ma tantx nissaportu nisimgħu: li l-bniedem evolut, adult u modern, jibqa' fil-fatt mhux kapaċi jirrejalizza l-ħolm tiegħu, jew jikseb l-uniku ħobż li jaqta' l-ġuħ tal-qalb. Lill-dan il-bniedem fqajjar, Ġesù jpoġġilu sfida kif għamel man-nies ta' żmienu: peress li hu l-uniku wieħed li jaf

min aħna tassew u dak li għandna bżonn, hu anki l-uniku wieħed li jista' jakkwistalna dak li l-isforzi kollha tagħna personali jew l-impenn komunitarju, ma jistgħu jaqtgħulna qatt, il-milja tal-ħajja li fil-vanġelu tissejjaħ il-ħajja ta' dejjem.

- Biex jiksbilna din il-ħajja, l-Iben t'Alla niżel mis-sema u biex jagħtihielna tela' fuq is-salib - biex jiggarantihielna il-Missier qajmu mill-mewt. B'dan il-mod, il-ħobż l-iktar veru li jeżisti, il-ħobż li ma jistħoqqilniex nikluh għalkemm għandna bżonn tremend tiegħu, jingħatalna b'abbundanza fil-persuna ta' Ġesù Kristu; il-ħobż huwa l-preżenza tiegħu, kelmtu, ġismu, demmu, ħajtu... kollox mogħti għalina, anzi għal ħafna mill-umanita f'kull post u żmien. Fil-ġisem tal-Mulej hemm preżenti l-bniedem il-ġdid, is-sema u l-art ġodda, rahan ta' dak li għandu jseħħ fl-aħħar, dak li issa xejn ma jista' jwaqqaf u la dnubietna, lanqas il-ħażen tal-istorja. Il-ħajja qiegħda fih fil-milja kollha tagħha u meta' tingħaqad mal-eżistenza fqira tagħna jħeġġeġ fina l-etenita; l-imxerrdin jerġgħu isibu l-għaqda u fl-għaqda tagħhom mal-ħobż t'Alla jiskopru li huma membri tal-istess ġisem dak ta' Kristu.
- Dan hu t-teżor tal-Knisja, moħbi mill-għajnejn tad-dinja, imma l-uniku li jgħajjixha, li jippermettilha li taqsam id-deżert tal-eżistenza mingħajr ma taqta' qalbha, anzi jerġa' jwarrad il-ħajja u juriha d-destinazzjoni. Dan hu r-rigal li l-ħniena t'Alla tagħti lill-bniedem, imfixkel mill-ħażen u bil-ġuħ għas-salvazzjoni, biex jagħtih lura s-sens ta' ħajtu.

*Minn La Realta e' Cristo – Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 47, l-1 punt**

*The love that Jesus Christ shows for you in this great sacrament certainly deserves that today you show an altogether special return of love for him by a very deep respect, both interior and exterior, for this adorable mystery. On this day in the Church, we try to pay the greatest possible external respect to this hidden God. This is why the Blessed Sacrament is exposed on the altar during the entire octave and is solemnly carried in procession, so that Christians may encourage one another to honor it during these holy days and to pay frequent visits to the churches.*

*Have a deep reverence for this sacred mystery; take care that your disciples pay it homage and visit the Most Blessed Sacrament with more than ordinary piety during these holy days.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Aqra Mark 1: 32-35)**

Ġesù huwa l-mudell tagħna, mimli ħniena u mogħdrija u kompassjoni, ifejjaq lill-morda u jxandar l-imħabba t'Alla – imma ma naqasx li jqum kmieni biex imur jitlob u jingħaqad mal-missier. Qed jurina kif għandna ngħixu din il-ħajja – u li nifhmu xi jrid jgħidilna u jfissrilna meta nġarrbu xi tbatijiet ta' kull xorta.

Li tbati hija parti mill-ħajja. Ġesù biss jgħarrafna u jagħtina tifsira tat-tbatijiet u tat-tiġrib, għax hu biss jista' jispjega l-misteru!

Ġesù agħtini l-għajnuna biex ma ngergirx aktar kontrik imma li ngħidlek din it-talba.



**TALBA**

*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna. Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 23 ta' Ġunju**
San Ġużepp Cafasso
Sant' Eteldreda - badessa
**Is-Sitt Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 2Slaten 17: 5-8,13-15a,18 | Il-Mulej inkorla sewwa għal Iżrael, u warrabhom minn quddiem wiċċu, u baqgħet weħidha t-tribù ta' Ġuda. |
| 2. Salm 59: 3-5,12,13 | Mulej, għinna bil-leminija tiegħek u weġibna! |
| 3. Mattew 7: 1-5 | Neħħi l-ewwel it-travu li għandek f'għajnek int. |

**SANT'ETELDREDA - badessa**

- Eteldreda jew Audrey kienet bint ir-Reġina Anna ta' East Anglia fl-Ingilterra u oħt it-tliet qaddisin Benedittini Etelburga, Seksburga u Witburga. Twieldet Suffolk u għad li laħqet reġina tan-Northumbria, u żżewġet darbtejn, baqgħet dejjem verġni.
- Difatti saret hija wkoll Benedittina f'Coldingham, fejn irċeviet il-velu minn idejn Sant'Ebba, oħt San Oswald, re tan-Northumbria. Minn hemm però, marret Ely, fejn waqqfet il-monasteru, li tiegħu kienet l-ewwel Badessa.

- ❖ Kellha direttur spiritwali lil San Wilfred, abbati ta' Ripon u wara arċisqof ta' York. Għexet ħajja tal-ikbar sempliċità, umiltà u qdusija u l-ferħ tagħha kien isofri għal Kristu.
- ❖ Mietet fil-monasteru ta' Ely fit-23 ta' Ġunju 679 u l-ġisem tagħha baqa' nkorrot għal żmien. Indifnet fil-Knisja tal-monasteru ta' Ely, (illum katidral protestant), imma idejha, li għada sħiħa, tinsab meqjuma fil-knisja tagħha (Kattolika) ta' Ely.
- ❖ Insibu f'Londra knisja ddedikata lilha, li tinsab f'idejn il-Patrijiet Rosminjani u tissejjaħ l-eqdem knisja kattolika tal-Ingilterra, għax għad li ilha mibnija minn qabel l-ereżija Protestanta tinsab f'idejn il-Kattoliċi.
- ❖ Eteldreda hi waħda mill-iktar qaddisin popolari Anglo-Sassoni, u ġiet imfaħħra minn San Beda Venerabbli. Tissejjaħ Reġina ta' Northumbria għax it-tieni raġel li żżewġet kien ir-Re Egfrid ta' dik is-saltna.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 51, it-3 punt**

*But, you say, you are not prepared to receive Communion, because your spirit is in turmoil or because you are experiencing severe temptations. Do you not know that turmoil and temptations, far from making you unfit to receive Communion, do nothing of the sort? On the contrary, the more anxiety and temptation you experience, the more you must have recourse to Communion, which is a sure remedy to ease your anxiety and to weaken your temptations.*

*Perhaps at other times you say that the reason you do not receive Communion is that you cannot concentrate on God. You feel completely dry; your mind is filled with evil or useless thoughts. Because of this, you are not able either to prepare to receive Communion or to make a worthy thanksgiving after it.*

*Beg Jesus Christ, living in you, to make up for your powerlessness, to prepare you, and to make thanksgiving in you and for you. In this way what you lack will be fully supplied, and God will be most satisfied with you and with your Communion. Do not, then, listen any further to what your spirit may suggest to dispense you from receiving Communion.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

Meta Ġesù qal "*Jiena hu l-ħobż tal-Ħajja",* dan kien f'sens spiritwali. Mingħajr dan l-ikel ħadd ma jista' jimxi wara Kristu. Iżda aħna bnedmin u għalhekk inbatu minn kull nuqqas ta' "**ikel".** Tant huwa ħanin Ġesù li kien qed jaħseb ukoll għal dak "il-ġuħ" li minnu jbati kulħadd. Il-ħobż ta' kull varjetà Ġesù jagħtih sabiex il-bniedem jissodisfa ruħu.

Pereżempju lil Marija Maddalena, l-midinba, offrielha l-ħobż tal-maħfra u b'hekk qatagħlha l-ġuħ għall-imħabba. Lill-pubblikani, il-midinbin u l-imwarrbin, offrielhom u qasam magħhom il-ħobż tal-ħbiberija.

Lil kull wieħed u waħda minna, Ġesù joffrilna l-ħobż li jaqtalna l-ġuħ li Alla l-Missier poġġielna f'qalbna: il-ħobż tal-ħajja ta' dejjem.



**TALBA**

*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 24 ta' Ġunju**
It-Twelid ta' San Ġwann Battista
**Is-Seba' Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**
1. Isaija 49: 1-6 — Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus.
2. Salm 138: 1-3,13-15 — Irroddlok ħajr, għax tal-għaġeb għamiltni.
3. Atti 13: 22-26 — Ġwanni deher ixandar minn qabel il-miġja ta' Kristu.
4. Luqa 1: 57-66,80 — 'Ismu huwa Ġwanni'.

**Mill-istorja tal-Istitut:**
1681: San Ġwann Battista De La Salle jilqa l-ewwel għalliema ġewwa d-dar tal-familja biex jgħixu bħala kommunità.
1682: San Ġwann Battista De La Salle u l-għalliema jitlqu mid-dar tal-familja u jmorru jgħixu f' "Rue Neuve".

**TWELID TA' SAN ĠWANN IL-BATTISTA**

- Missieru kien Żakkarija, qassis mit-tribù ta' Aronne u mill-ordni ta' Abija, u ommu kien jisimha Eliżabetta wkoll mit-tribù ta' Aronne.
- Ġara li Żakkarija kien fit-tempju meta deherlu l-Arkanġlu Gabrijiel u qallu li martu, li kienet imdaħħla sew fiż-żmien, kien se jkollha tarbija. Żakkarija ddubita, u tbikkem u baqa' mbikkem sat-twelid ta' ibnu.
- Ftit taż-żmien wara l-istess Arkanġlu deher lill-Madonna u ħabbrilha li hi kellha ssir omm il-Messija, u infurmaha wkoll li Eliżabetta kien ser ikollha tarbija sitt xhur qabilha. Hi ħalliet kollox u marret tħaffef biex tgħin u ddur bil-kuġina tagħha sakemm welldet, u forsi wkoll sa wara ċ-ċirkunċiżjoni tat-tarbija.
- Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tifel qabeż fil-ġuf tagħha u ġie mnaddaf mid-dnub. Imbagħad imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, kienet l-ewwel waħda li sellmet lil Marija bħala Omm il-Mulej. Bi tweġiba l-Madonna nfexxet tfaħħar 'l Alla bil-*Magnificat.* (Luqa1:46) Meta t-tarbija twieldet inħall ilsien Żakkarija li tenna kliem ta' tifħir 'l Alla, il-*Benedictus.* (Luqa1:57)
- Sakemm kellu tletin sena, San Ġwann għex ħajtu fid-deżert. Imbagħad beda l-missjoni li għaliha kien mibgħut fid-dinja billi kien jinsisti man-nies biex jindmu għall-maħfra tad-dnubiet. *"Jiena l-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Wittu triq il-Mulej."* (Ġwanni 1:23)
- Ġwanni kien ikun ħdejn ix-xmara Ġordan jgħammed, u meta darba waħda ra 'l Ġesù riesaq lejh, urieh lill-folla u qal: *"Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja."* (Ġwanni 1:29)
- Ġesù faħħru fuq li faħħru. Darba minnhom qal għalih: *"Fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista."* (Luqa 7:28)
- Ġesù beda l-missjoni tiegħu billi ġie jitgħammed mingħand Ġwanni li meta għaraf lil Ġesù li *"lanqas il-qorq tiegħu ma kien jistħoqqlu jħoll"* (Ġwanni 1:26), bilkemm ried jgħammdu.
- Iktar tard, Ġwanni bl-umiltà tiegħu qal: *"Jeħtieġ li jikber hu u niċkien jien."* (Ġwanni3:30).
- San Ġwann temm ħajtu b'rasu maqtugħa mis-Sultan Erodi, għax kien ċanfru fuq ir-relazzjoni adultera li kien qed ikollu ma' Erodja, il-mara ta' ħuh.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med,138, Silta mill-1 punt**

*Saint John enjoys this special privilege, that his birthday is honored in the Church as is that of Jesus Christ. Saint Bernard says that the reason for this honor is that he was holy from his birth, for he was sanctified in his mother's womb by Jesus Christ when the Most Blessed Virgin went to visit Saint Elizabeth.*

*Because he was closely united to Jesus Christ, having been chosen by the eternal Father to be his precursor, it was most fitting that he be raised to a level of grace above that granted to other people and that his holiness be manifest at his birth. This is why Jesus Christ said that among all people there was none greater than John the Baptist.*

*With the Church, let us honor the birth of Saint John as the beginning of his sanctity and of the sanctification of so many others.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

Ġesù mhux biss jaħfer id-dnubiet iżda jneħħi wkoll il-ħtija. Ġesù tħallat mal-midinbin u l-pubblikani u b'hekk ġarrab il-mibegħda u l-malafama tal-fariżej. Imma lill-imsejknin kien jitħassarhom u jħobbhom. Kemm hi ħaġa sabiħa u tal-għaġeb li aħna nħossuna maħbubin.

L-imħabba salvatna!
L-imħabba taf tistabar u tħenn!
L-imħabba ma żżommx f'qalbha!

**TALBA**



*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 25 ta' Ġunju**

**JUM IL-VOKAZZJONIJIET GĦALL-ISTITUT LASALLJAN**

San Guliermu ta' Vercelli – abbati

Beata Jutta ta' Thuringia

**It-Tmien Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. 2Slaten 22: 8-13; 23: 1-3 Is-sultan b'mod li jisimgħuh qara l-kliem kollu tal-ktieb tal-patt.
2. Salm 118 : 33-37,40 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
3. Mattew 7: 15-20 Mill-frott tagħhom tagħrfuhom.

**BEATA JUTTA TA' THURINGIA (1184-ċ.1264) – nobbli**

- Jutta twieldet fl-1184 ġewwa l-Ġermanja. Kienet l-ewwel bint ta' Hermann I ta' Thuringa u l-ewwel mara tiegħu Sofia.
- Fl-1196 hija żżewġet lil Dietrich I ta' Meissen u kellhom ħamest itfal. Il-virtù u d-devozzjoni kienu fuq quddiem nett fil-ħajja tal-koppja. Fl-1221, kienu qed jivjaġġaw f'pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa, meta Dietrich miet.
- Wara li rat li wliedha ma jkun jonqoshom xejn, ingħatat ħajjitha għal Alla. Qassmet l-ilbies lussuż tagħha, il-ġojjelli kollha tagħha, l-għamara u l-fajjenza, il-grad tagħha, u daħlet sekular Franġiskan.
- Bdiet tiddedika ħajjitha għall-proxxmu, tieħu ħsieb il-morda l-iżjed il-lebrużi, il-foqra, l-inkapaċitati, l-għomja u kienet tilqagħhom f'darha. Kienet tara wiċċ Alla f'kull wieħed u waħda minnhom, għad li ħafna nies kienu jiddieħku biha.
- Fis-sena 1260, ftit biss qabel mietet, Jutta marret f'eremitaġġ ġewwa parti pagana fil-Ġermanja. Ma kinitx tieqaf titlob għall-konverżjoni tagħhom.
- Aktarx mietet fis-sena 1264.
- Hija l-patruna tal-Prussja.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 53, it-3 punt**

*Another reason why Communions sometimes produce meager results is that people make little effort to correct themselves of venial faults, even though they do confess them. Such base behavior and negligence are signs of spiritual indifference, which is why God, in turn, neglects a soul, looking upon it as unworthy of his graces, because it cares so little about him and makes so few efforts to make itself entirely pleasing to him. A soul that behaves so negligently often makes little effort both to prepare for Holy Communion and to make thanksgiving afterward.*

*These defects arise from a heart that is little disposed to give itself totally to God and not from Communion or its frequent reception, for the effect proper to Communion is to nourish our souls and to increase grace in them.*

*Act, then, in such a way as to make sure that each time you receive this sacrament, it will produce all the good that God intends itnto have, and you will place no obstacle in the way.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

Ġesù qatt ma jistaħba. Ġesù jitkellem u jaġixxi fil-beraħ quddiem kulħadd. "*Jien tħaddist fil-beraħ quddiem kulħadd"* (Ġw:29). Imma l-gwaj hu li mhux kulħadd jisimgħu, mhux kulħadd jarah, ħafna jżommu qalbhom magħluqa.

Il-qalb ta' Ġesù nfetħet fuq is-salib u minn dakinhar 'l hawn dik il-pjaga baqgħet miftuħa għalik, għalija u għall-bnedmin kollha.

**TALBA**



*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 26 ta' Ġunju**
**Id-Disa' Jum tan-Novena lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

San Josemarìa Escrivà de Belaguer - saċerdot
Beata Nemesia Valle - verġni
Beatu Andrea Ġjaċintu Longhin - isqof
Beatu Ġakbu minn Għażir - presbiteru
Beata Marija Ġużeppina ta' Ġesù Msallab - verġni

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. 2Slaten 24: 8-17 — Is-sultan ta' Babilonja ġarr fil-jasar lil Ġehojakin u l-kbarat tal-pajjiż.
2. Salm 78: 1-5,8,9 — Mulej, eħlisna u aħfrilna dnubietna, minħabba l-isem tiegħek.
3. Mattew 7: 21-29 — Id-dar mibnija fuq il-blat u d-dar mibnija fuq ir-ramel.

**SAN JOSEMARÌA ESCRIVÀ DE BELAGUER (1902-1975) - saċerdot**

- Dan il-qaddis twieled fi Barbastro, Spanja, fid-9 ta' Jannar 1902. Kien ordnat saċerdot ta' 23 sena (28/3/1925).
- Meta kien Madrid, fit-2 ta' Ottubru 1928, waqqaf l-Opus Dei, mod ġdid kif l-insara jistgħu jitqaddsu fid-dinja bix-xogħol ordinarju tagħhom u t-twettiq tad-dmirijiet personali, familjari u soċjali tagħhom. Hekk huma jsiru l-ħmira ta' ħajja nisranija qawwija fl-ambjenti kollha.
- Fl-1930 estenda l-opra tal-Opus Dei anke man-nisa. Fi Frar 1943 waqqaf is-Soċjetà Saċerdotali tas-Salib Imqaddes, magħquda inseparabbilment mal-Opus Dei. L-Opus Dei rċeviet l-approvazzjoni tas-Santa Sede f'Ġunju 1950.

- San Jose Marìa mexxa u ħabrek biex l-Opus Dei jinxtered mad-dinja kollha b'talb kontinwu u penitenza u bil-prattika tal-virtujiet kollha. L-għerq u ċ-ċentru tal-ħajja interjuiri tiegħu kien is-sagrifiċċju tal-quddiesa. Kien konxju ħafna li hu iben ta' Alla espressa fil-preżenza kontinwa tat-Trinità Qaddisa, li qanqlitu biex ifittex li jidentifika ruħu ma' Kristu f'kollox, li jgħix devozzjoni qawwija lejn il-Verġni Marija u San Ġużepp, u li jgawdi ħbiberija kontinwa u kollha fiduċja mal-anġli kusdtodji
- Mons. Escrivà offra aktar minn darba ħajtu għall-Knisja u għall-Papa.
- Miet ta' 73 sena nhar is-26 ta' Ġunju 1975 f'Ruma, fl-istess kamra fejn kien jaħdem, b'dik l-istess sempliċità qaddisa li kienet il-karatteristika tiegħu tul ħajtu kollha.
- Il-fdal tiegħu jinsab fil-knisja Prelazjali ta' Santa Marija tal-Paċi, f'Ruma, fejn ħafna jmorru jitolbu fuq il-qabar tiegħu.
- Il-Papa San Ġwanni-Pawlu II ddikjarah beatu f'Mejju 1992 u mbagħad iddikjarah ukoll qaddis f'Ottubru tal-2002.
- L-Opus Dei, li fl-1982 saret prelatura personali, hi mxerrda fil-ħames kontinenti u llum tgħodd 'il fuq minn 60,000 membri fi 80 nazzjon. L-aktar ktieb magħruf tiegħu 'It-Triq', jinsab maqlub ukoll bil-Malti.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 54, it-2 punt**

*The effects of Holy Communion are so admirable and procure such great good for our souls that we ought to be especially committed to approach it often. This divine sacrament, says Saint Bernard, produces two considerable effects in us: it diminishes our susceptibility to the approach of slight sins, and it prevents us from consenting when we are tempted to serious sins. If anyone, adds this Father, is not at present assailed by movements of anger, envy, impurity, and the like, you ought to give thanks to the body and blood of Jesus*
*Christ, because this is the effect of the power of the sacrament of the Eucharist operating in you.*
*Because you cannot find a more prompt and efficacious remedy for your temptations and falls than the reception of the body of Jesus Christ, receive it often, so that by this means your soul may fall less easily into any sin.*

**Riflessjoni: Nimmedita fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

L-umiltà tgħinna nagħarfu lilna nfusna kif aħna, u nirrikonoxxu t-tajjeb li hemm fina bħala kollu ġej mingħand Alla.
Għandi x'għandi tajjeb fija, kollu tahuli Alla u m'għandix għax nitkabbar. Ġesù twieled fl-umiltà, biex jixbah lill-bnedmin.  Ġesù ħasel saqajn l-Appostli: hekk ukoll għandi nagħmel jien ma' kulħadd.

**TALBA**



*O Alla li tista' kollox,*
*il-qalb ta' ibnek, mimlija b'kull virtù,*
*hi ta' ġieħ kbir għalina l-bnedmin;*
*agħmel li din il-qalb,*
*għajn tad-doni tas-sema,*
*timliena b'kull grazzja,*
*u li aħna nżommu dejjem quddiem għajnejna*
*l-ġid kbir ta' mħabbitha għalina.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

## Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju
## Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Dewteronomju 7: 6-11 | Il-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom. |
| 2. Salm 102:1-4,6-8.10,17 | It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem. |
| 3. 1Ġwanni 4: 7-16 | Alla ħabbna qabel ħabbejnieh aħna. |
| 4. Mattew 11: 25-30 | Jien ta' qalb ħelwa u umli. |

## QALB TA' ĠESÙ

- Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù ma bdietx fis-seklu sbatax wara d-dehriet li kellha Santa Margerita Marija Alacoque, imma wisq qabel, minn żmien Missirijiet il-Knisja, li fl-ilma u fid-demm li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu kienu jaraw imħabbra s-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Ewkaristija.
- Dawn il-ħsibijiet, imbagħad, għamluhom tagħhom il-kontemplattivi tal-Ordni ta' San Benedittu, l-aktar San Bernard ta' Clairvaux. It-tagħlim ta' San Bernard sab art tajba fil-monasteri taċ-Ċisterċiżi u kellhom influwenza kbira fl-ispiritwalità ta' dawn ir-reliġjużi kif naraw mill-kitbiet ta' Santa Gertrude u ta' Santa Matilde.
- Aktar tard San Ġwann Eudes ħabrek ħafna biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija.
- Wara d-dehriet lil Santa Margerita Marija Alacoque, bil-ħidma speċjalment ta' San Klawdju de la Colombière, id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù saret popolari ħafna fost il-poplu nisrani, iżda biss fis-sena 1765 il-Knisja daħħlet fil-Liturġija tagħha l-festa tal-Qalb ta' Ġesù.
- Fl-1856 il-Papa Piju IX ried li tiġi ċċelebrata fil-Knisja kollha, u fl-1899 il-Papa Ljun XIII ried li d-dinja tiġi kkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù. Il-Papa San Piju X

ried li din il-konsagrazzjoni tiġġedded kull sena.

**Irrifletti fuq li kitba ta' San Pawl fl-Ittra lir-Rumani (Kap. 8: 35, 37-39)**
Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla?
Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna**.** Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la s-setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħlieqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna.

**Ħsieb: Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù għall-Papa Franġisku**
Il-Papa ddefenixxa s-sollennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù bħala l**-"Festa tal-Imħabba"**; Ġesù *"ried jurina qalbu, bħala l-qalb li tant ħabbet. Għalhekk illum nagħmlu din il-kommemorazzjoni. Fuq kollox tal-imħabba ta' Alla. Alla ħabbna, ħabbna tant. Naħseb dwar dak li Sant'Injazju kien jgħidilna, jgħid lilna. Indikalna żewġ kriterji dwar l-imħabba. L-ewwel: l-imħabba timmanifesta ruħha iktar fl-opri milli fil-kliem. It-tieni: L-imħabba tinsab iktar f'li tagħti milli f'li tirċievi."*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 28, it-3 punt**
*These sacred wounds can procure for us another benefit: to inspire us to a love for suffering, for his wounds show us how powerfully Jesus Christ was impelled to suffer. In his glorious body he has preserved the scars of his wounds as so many ornaments and marks of honor.*
*As members of Jesus Christ, you ought likewise to consider it an honor to suffer like him and for him. After the example of Saint Paul, you glory only in the cross of your Savior. Often kneel before these divine wounds; lregard them as the source of your salvation. With Saint Thomas, put your hand into the wound of the side, not so much to strengthen your faith as to penetrate, if possible, even to the heart of Jesus and to draw from there into your own heart sentiments of truly Christian patience, entire resignation, perfect conformity to God's will, and courage that will lead you to seek opportunities to suffer.*

**TALBA**



*O Alla,*
*fil-qalb imqaddsa ta' ibnek,*
*minfuda bid-dnubiet tagħna,*
*inti bil-ħniena tiegħek ixxerred fuqna*
*dak it-teżor bla qies ta' mħabbtek,*
*agħtina nitolbuk*
*li waqt li nagħtuk qima u devozzjoni,*
*noffrulek ukoll indiema sinċiera.*
*Ammen.*

Magnificat

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 28 ta' Ġunju**
**Il-Qalb Bla Tebgħa tal-Mqaddsa Verġni Marija**
Beatu Nikola ta' Gesturi - reliġjuż
Beati Diana u Ċeċilja - verġni
Beata Marija Droste zu Vischering tal-Qalb ta' Ġesù



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Isaija 61: 9-11 | Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej. |
| 2. Salm 1 Samwel 2: 1.4-8 | Ferħet qalbi bil-Mulej, is-salvatur tiegħi. |
| 3. Luqa 2: 41-51 | Kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. |

**QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**

- Id-devozzjoni lejn il-qalb bla tebgħa ta' Marija kellha bidu fiż-żminijiet tan-nofs permezz tal-kitbiet ta' Santa Gertrude u ta' Santa Matilde, u mbagħad kompla xerridha San Bernardinu ta' Siena u aktar tard San Ġwann Eudes.
- Kompliet tinxtered permezz tal-**midalja mirakoluża** u wara d-definizzjoni tad-domma tat-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija fl-1854 il-festa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija bdiet tiġi ċċelebrata f'ħafna djoċesijiet.
- Ġewwa Fatima, il-Madonna riedet li d-devozzjoni lejn il-qalb bla tebgħa tagħha tkun mezz għas-salvazzjoni tad-dinja, u dan wassal lill-Papa Piju XII, fl-eqqel tat-tieni gwerra dinjija, fil-31 ta' Ottubru tal-1942, biex jikkonsagra d-dinja lill-qalb bla tebgħa ta' Marija.
- Wara dan, il-Papa Piju XII ried li l-festa tal-qalb bla tebgħa ta' Marija tiġi ċċelebrata fit-22 t'Awwissu, fl-ottava tat-tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema, iżda bit-tiġdid li sar fil-kalendarju liturġiku wara l-Konċilju Vatikan II l-festa ġiet ittrasferita għas-Sibt ta' wara s-solennità tal-Qalb ta' Ġesù.

**Riflessjoni:**

Marija emmnet li jseħħ kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej. Bħala verġni emmnet li se tnissel u jkollha iben: "il-Qaddis" li jissejjaħ "Bin Alla", bl-isem ta' "Ġesù" (jiġifieri Alla li jsalva). Bħala qaddejja tal-Mulej, baqgħet dejjem fidila għall-persuna u l-missjoni ta' binha. Bħala Omm, "*temmen u tobdi ...* tat lid-dinja *Iben il-Missier* u dan għamlitu, hi li kienet verġni, taħt id-dell li tefa' fuqha l-Ispirtu s-Santu."

Għalhekk Marija hi mweġġgħa b'qima speċjali mill-Knisja. "Sa minn żminijiet l-aktar fl-imgħoddi, il-Verġni Marija ġiet meqjuma bħala Omm Alla", dik li fit-tiġrib u l-ħtiġijiet kollha, lejha l-fidili dejjem irrikorrew jitolbu l-ħarsien tagħha.

San Ġwanni Pawlu II, Papa, *"Redemptoris Mater"*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 151, silta mit-2 punt**

*Saint Bernard says, Let us have a great veneration and a most tender devotion to the Most Blessed Virgin, because it is through her that we receive the benefits that God wishes us to have. Entering into detail concerning these benefits, he explains as follows: The Holy Spirit distributes all his gifts, graces, and virtues to whomsoever he pleases, when he pleases, and in the manner and the amount he judges proper, through the ministry of the Most Blessed Virgin. Saint Anselm, to stir up our trust in her, adds that when someone invokes the name of the Mother of God, even if the one who has recourse to her does not deserve to be heard, the merits of this most holy Mother of God still suffice to win from God's goodness whatever that person asks. Let us, then have confidence, as Saint Bernard continues, that if we have true devotion for the Most Blessed Virgin, nothing we need for our salvation will be lacking.*

**TALBA**



*O Verġni Mqaddsa Marija*
*ħares b'dirgħajk lil ħajjitna:*
*bierek u qawwi kull xewqa tagħna għat-tajjeb;*
*ġedded u saħħaħ il-fidi tagħna;*
*wieżen u ixgħel it-tama;*
*qajjem u kebbes fina l-imħabba;*
*dawwal lil kulħadd fil-mixja tal-qdusija.*
*Għallimna l-istess imħabba preferenzjali tiegħek*
*għaċ-ċkejknin u l-foqra,*
*għall-imwarrbin u l-batuti,*
*għall-midinba u dawk ta' qalbhom imbeżżgħa:*
*iġbor lil kulħadd taħt il-ħarsien tiegħek*
*u qegħidna lkoll f'riġlejn l-Iben maħbub tiegħek, Sidna Ġesù.*
*Ammen.*

Papa Franġisku

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, 29 ta' Ġunju**
**San Pietru u San Pawl - appostli**
*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*




**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 12: 1-11 | Issa naf tassew li l-Mulej jeħlisni minn id Erodi. |
| 2. Salm 33: 2-9 | L-anġlu tal-Mulej jeħles lil min jibża' mill-Mulej. |
| 3. 2 Timotju 4: 6-8.17-18 | Hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja. |
| 4. Mattew 16: 13-19 | Inti Pietru: jiena nagħtik l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet. |

**Nota:**
Sal-Konċilju Vatikan II, iż-żewġ Appostli kellhom festa separata, waħda għal kull wieħed minnhom. San Pietru fid-29 ta' Ġunju – San Pawl fit-30 ta' Ġunju. Mill-Konċilju Vatikan 'l hawn, issir ċelebrazzjoni waħda għat-tnejn.

**SAN PIETRU**

- San Pietru kien sajjied, jismu Xmun, u kien wieħed minn tal-ewwel li ġie msejjaħ minn Ġesù biex ikun appostlu tiegħu, li bidillu ismu f'Pietru.
- Meta Ġesù ġie arrestat, San Pietru ċaħdu tliet darbiet, iżda malajr iddispjaċih u patta bil-kbir.
- Wara li qam mill-mewt Ġesù staqsa lil Pietru tliet darbiet wara xulxin jekk kienx iħobbu, u wara li għal tliet darbiet San Pietru wieġeb fl-affermattiv, Ġesù fdalu l-merħla tiegħu.
- Hekk kif ħeles mill-ħabs fil-persukuzzjoni ta' Erodi Agrippa f'Ġerusalemm, fis-sena 43, San Pietru mar Antjokja, u wara Ruma, il-belt kapitali tad-dinja ta' dak iż-żmien.
- Baqa' Ruma, barra mill-ftit żmien li fih kien f'Ġerusalemm għall-ewwel Konċilju tal-Knisja, sakemm ġie msallab rasu 'l isfel, fil-ġnien ta' Neruni, fuq l-għolja tal-Vatikan, aktarx bejn is-sena 64 u s-67.
- Kostantinu l-Kbir bena knisja fuq il-qabar tiegħu; wara nbniet flokha l-knisja maestuża ta' San Pietru li hemm illum.

**SAN PAWL**

- San Pawl kien Lhudi akkanit, Fariżew, li wara l-konverżjoni tiegħu, fit-triq lejn Damasku, sar appostlu l-iktar ferventi ta' Ġesù.
- Billi kien bniedem ta' għerf kbir, u kien jaf tajjeb il-kultura sew Griega u sew Lhudija, kien ta' għajnuna kbira għall-Knisja fil-bidu tat-tixrid tagħha.
- Iżda l-ħaġa l-iktar li spikkat fih, kienet l-imħabba kbira tassew li kellu lejn Ġesù. *"Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu."* Galatin 2:20
- Għadda 25 sena jiġri minn pajjiż għall-ieħor, jipprietka 'l Ġesù.
- Aħna l-Maltin għandna l-kbira xorti li ġejna, bħala nazzjon, ikkonvertiti minnu, fis-sena 60.

- ❖ Fl-istess persekuzzjoni ta' Neruni, li fiha kien miet San Pietru, San Pawl ġie arrestat, mitfugħ il-ħabs u wara ġie maqtul bi qtugħ ir-ras, aktarx ukoll bejn is-sena 64 u s-67.

**Riflessjoni:**
Niftakru f'Pietru. Meta stqarr il-fidi tiegħu f'Ġesù, dan m'għamlux bil-kapaċità umana tiegħu, imma għaliex kien mirbuħ mill-grazzja li Ġesù ħareġ minnu, mill-imħabba li kien iħoss fi kliemu u li kien jara fl-azzjonijiet tiegħu: Ġesù kien juri l-imħabba t'Alla fil-persuna tiegħu!
U l-istess ġralu Pawlu, anke jekk b'mod differenti. Bħala żagħżugħ, Pawlu kien għadu tal-insara, u meta Ġesù mqajjem mill-imwiet sejjaħlu fit-triq ta' Damasku, ħajtu nbidlet: fehem li Ġesù ma kienx mejjet, imma ħaj, u sar iħobb lilu wkoll li qabel kien għadu tiegħu! Hekk u l-esperjenza tal-ħniena, tal-maħfra t'Alla f'Ġesù Kristu: din hija l-Bxara t-Tajba, l-Evanġelju li Pietru u Pawlu sperimentaw fihom infushom u li għalih taw ħajjithom. Ħniena, maħfra! Il-Mulej dejjem jaħfrilna, il-Mulej għandu l-ħniena, huwa ħanin, għandu qalb ħanina u dejjem jistenniena.

Papa Franġisku, silta mill-omelija nhar 29 ta' Ġunju 2013

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 139, it-2 punt**
*His great faith led this holy Apostle to follow Jesus Christ always. Of the three who were with Jesus Christ in the principal occurrences of his life, Peter is named first in the holy Gospel. He is also the first of all the Apostles to go to the sepulchre to look for the body of his beloved Master, which illustrates the great attachment he felt for him. His faith shone out above all the other Apostles so strongly that when Jesus questioned them to learn what people were thinking about him and then asked them what they thought of him, Saint Peter, enlightened as he was from above, as Jesus Christ declared, by a light incomprehensible to the human mind and that could come to him only from heaven, replied, You are the Christ, the Son of the living God!*
*This led Jesus Christ to entrust to him the care of his Church. Be convinced that you will contribute to the good of the Church in your ministry only insofar as you have the fullness of faith and are guided by the spirit of faith, which is the spirit of your state and by which you must be inspired.*

**TALBA**



*Qawwina, Mulej Alla tagħna,*
*bit-talb tal-appostli San Pietru u San Pawl,*
*u agħti lill-knisja tiegħek għajnuna*
*għas-salvazzjoni ta' dejjem*
*permezz ta' dawk li bihom*
*għallimha taqdi d-dmirijiet*
*qaddisa tagħha lejk.*
*B'ibnek sidna* ***Ġesù Kristu,***
***Ammen.***

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 30 ta' Ġunju**

## L-ewwel martri ta' Ruma

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għamos 2: 6-10.13-16 | Saħqu ras l-imsejknin mat-trab tal-art. |
| 2. Salm 49: 16-23 | Mulej aħfer id-dnub tal-poplu tiegħek. |
| 3. Mattew 8: 18-22 | Imxi warajja. |

## **L-Ewwel Martri ta' Ruma (**† 64)

- L-għada tal-festa tal-martirju tal-Appostli Pietru u Pawlu, il-Knisja tfakkar il-martirju ta' għadd kbir ta' nsara li mietu qabilhom fil-belt eterna.
- F'Lulju tas-sena 64 wara Kristu, f'Ruma kien hemm nar kbir li dam iħeġġeġ għal sitt ijiem u sebat iljieli u mbagħad reġa' beda u dam tlett ijiem oħra sakemm żewġ terzi ta' Ruma nqerdu.
- Billi Neruni ftit li xejn għamel biex jitfih, ġriet ix-xnigħa li hu kien qabbdu. Tacitus jgħidilna kif l-imperatur imbagħad tefa' l-ħtija fuq l-insara. Dawn ġew maqbuda u maqtula bi ħruxija kbira f'festa pubblika li saret bil-lejl fil-ġonna tiegħu. Xi nsara ġew midluka biż-żift u mogħtija n-nar u b'hekk servew bħal torċi biex ikun hemm id-dawl.
- L-għadd tal-insara li mietu martri f'Ruma fl-ewwel snin tal-era nisranija Alla biss jafu. Ta' min isemmi li l-ewwel 31 Papa kienu lkoll martri. Jissemmew biss uħud minnhom li baqgħu magħrufin ħafna, imma ħafna oħrajn, irġiel u nisa, lanqas biss nafu isimhom, imma xorta waħda huma martri li biċ-ċarċir ta' demmhom urew l-imħabba u l-fidi tagħhom fi Kristu li għalih taw ħajjithom kif għamel għalihom dak li miet għalihom fuq is-salib biex jifdihom.

**Riflessjoni:**

Il-fidi u l-grazzja tat lil dawn il-martri l-qawwa biex jirbħu l-ġibdiet tal-laħam u tad-demm. Ma abbandunawx lil uliedhom, iżda ħallewhom f'idejn Alla u f'idejn nieshom. Qatt ma nitilfu dak li għandna meta nħalluh biex nobdu 'l Alla.

Bro. Louis

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 140, it-3 punt**

*Zeal cannot be more genuine and more firm than when it continues in the midst of the greatest sufferings and the most cruel persecutions. In this way Saint Paul's zeal was put to the test. Several times he was thrown into prison; he was wounded frequently; often he was almost at death's door because of the beatings given him. Five times he was cruelly scourged; three times he was beaten with rods; once he was stoned. He was shipwrecked three times, and he spent a day and a night adrift on the sea. He was in danger of falling into the hands of robbers. Those of his own*

*nation laid ambush for him, as did the Gentiles also. He endured afflictions and sorrow, lengthy nights of prayer, hunger, thirst, and cold; in the midst of all these ordeals, his zeal never slackened.*
*In your ministry you need much zeal. Imitate the zeal of this holy Apostle, so that neither insults, injuries, calumnies, nor persecutions of whatever kind may be able to diminish your zeal in the slightest or to force a single complaint from you. Consider yourselves very happy to suffer for Jesus Christ.*

**TALBA**

**Salm 1: L-hena veru tal-bniedem**



*Hieni l-bniedem li ma jimxix fuq il-pariri tal-ħżiena,*
*li ma jiqafx fi triq il-ħatjin,*
*li  ma joqgħodx fil-laqgħat taż-żeblieħa;*
*imma fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu,*
*lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu.*
*Hu bħal siġra mħawwla ħdejn nixxigħat tal-ilma*
*li tagħmel il-frott fi żmienha,*
*u l-weraq tagħha ma jidbielx;*
*hu jirnexxi f'kull ma jagħmel.*
*Mhux hekk il-ħżiena, mhux hekk;*
*iżda huma bħal tibna li jtajjarha r-riħ.*
*Għalhekk il-ħżiena ma jifilħux għall-ħaqq,*
*ma joqogħdux il-ħatja fil-ġemgħat tat-tajbin.*
*Għax triq it-tajbin il-Mulej jafha;*
*imma triq il-ħżiena tintemm fix-xejn.*

**Missierna ...**

**JGĦIX ĠESU'**
**F'QALBNA !**
**GĦAL DEJJEM**

# It-Talba tas-Signum Fidei

Missierna li inti fis-smewwiet,
fil-Providenza tiegħek,
Inti għoġbok tagħżilni biex inkun Sinjal ta' Fidi
f'dinja mimlija konfużjoni u inċertezzi.

Ixgħel fija u fil-membri kollha tas-Signum Fidei,
spirtu qawwi ta' FIDI u ĠENEROŻITA',
ħalli meta niġi biex nikkommetti ruħi fl-appostolat,
nimxi fuq l-eżempju ta'
San Ġwann Battista De La Salle,
u ndawwal oħrajn,
biex huma wkoll jikkonsagraw ħajjithom,
ħalli jwasslu l-Vanġelu lid-dinja fl-edukazzjoni.

Bierek ix-xogħol ta' ħutna,
huma fejn huma, biex flimkien ,
imdawwla bl-entużjażmu
tal-Ispirtu tal-imħabba tiegħek,
insiru dejjem aktar il-Melħ tad-Dinja,
id-Dawl tad-Dinja, l-aktar fost il-fqar u ,
dawk li jinsabu bogħod mis-salvazzjoni li inti toffri.

Ilqa' ġewwa dirgħajk lil ħutna
li telqu qabilna bis-sinjal tat-twemmin
u li issa jinsabu reqdin fil-paċi tiegħek.

Qed nitolbok dan,
permezz ta' Ġesu' Kristu,
Ibnek l-Għażiż.
Amen

Direzzjoni: Min jixtieq tagħrif dwar is-Signum Fidei kkuntatjaw:

M. Camilleri, 117, "Camille", Triq Nazju Ellul, Gzira.
Tel. 21317422, Mob. 79317422
E-mail: petcam@maltanet.net

# PRESS RELEASE




## BR. ROBERT SCHILER
## NEW SUPERIOR GENERAL
## OF THE INSTITUTE OF THE
## BROTHERS
## OF THE CHRISTIAN SCHOOLS

The Institute of the Brothers of the Christian Schools during its 45th General Chapter in Rome has elected Br. Robert Schieler for the mission of Superior General in the coming years.

Brother Robert Schieler was born in 1950 in the city of Philadelphia, USA. He made his final profession in 1979. In his first year he served as a teacher in his own country and spent 13 years as missionary in the Philippines.

He studied Modern European History and has a Ph.D. in Educational Administration. From 1991 to 1998 he was Auxiliary Visitor of the District of Baltimore, served as Director of Education for former USA-Toronto Region from 1998 to 2001; later he was Visitor of his district from 2001 to 2007. During the last seven years he has been a General Counselor for the new Lasallian Region of RELAN (USA and Canada) residing in Washington.

The Institute of the De La Salle Christian Brothers and the entire Lasallian Family, we all congratulate Br. Robert Schieler and would like to offer him our unconditional support and prayer for the new endeavor entrusted to him as the 27th successor of St.
John Baptist de La Salle.

We thank Br. Alvaro Rodríguez for the excellent work of government and animation performed during the two term mandate during which he has served as Superior General.